KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 6.10.2011
KUMM(2011) 609 finali

2011/0270 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## dwar Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Bidla Soċjali u l-Innovazzjoni

{SEG(2011) 1134 finali}

{SEC(2011)1130 final}

{SEC(2011)1131 final}

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Kuntest ġenerali

Is-soċjetajiet Ewropej huma kkonfrontati b'bosta sfidi li joriġinaw miż-żieda tal-kompetizzjoni globali, il-pass mgħaġġel tal-progress teknoloġiku, ix-xejriet demografiċi, u t-tibdil fil-klima. Il-kriżi ekonomika u finanzjarja riċenti li laqtet lill-Istati Membri u r-reġjuni kollha fl-Unjoni kabbret l-isfidi. Fil-qasam tal-impjiegi u l-politika soċjali, l-Unjoni tkompli tiffaċċja problemi kumplessi, bħal:

– rati ta' qgħad għoljin, speċjalment fost il-ħaddiema bi ftit kwalifiki, żgħażagħ, kbar fl-età, migranti u persuni b'diżabilitajiet;

– suq tax-xogħol li dejjem qed isir aktar frammentat, li fih qed jinbtu mudelli tax-xogħol aktar flessibbli u sfidi oħra li għandhom impatt fuq is-sigurtà tal-impjiegi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol;

– forza tax-xogħol li qed tonqos u żieda tal-pressjoni fuq is-sistemi tal-protezzjoni soċjali bħala riżultat tal-bidla demografika;

– diffikultajiet sabiex jiġu kombinati r-responsabbiltajiet ta' xogħol u kura u sabiex jinkiseb bilanċ sostenibbli bejn ix-xogħol u l-ħajja, li jxekklu l-iżvilupp personali u tal-familja

– numru kbir mhux aċċettabbli ta' persuni li qed jgħixu taħt il-linja tal-faqar u fl-esklużjoni soċjali.

Il-kriżi enfasizzat ukoll il-konnessjonijiet mill-qrib u l-effett mifrux fost l-ekonomiji tas-27 pajjiż tal-UE, speċjalment fiż-żona euro, fejn ir-riformi jew in-nuqqas tagħhom - f'pajjiż speċifiku - jaffettwaw il-prestazzjoni tal-pajjiżi l-oħra. Dan ifisser li azzjoni koordinata fil-livell tal-Unjoni hija iktar effettiva fl-indirizzar ta' dawn l-isfidi milli azzjonijiet individwali tal-Istati Membri waħedhom. Sabiex ikunu kost-effettivi, ir-riformi jeħtieġ li kemm jista' jkun ikunu bbażati fuq evidenza. L-involviment ta' persuni li jfasslu l-politika u partijiet interessati oħra fi proċess ta' tagħlim kollettiv u fl-iżvilupp u l-ittestjar ta' approċċi ġodda x'aktarx iwassal għal aċċettazzjoni akbar u r-responsabbiltà tal-istrateġija Ewropa 2020, u l-impenn għaliha. F'dan il-kuntest, l-innovazzjoni soċjali, u b'mod partikolari l-esperimentazzjoni soċjali, jistgħu jkunu għodda b'saħħitha sabiex jifformaw ir-riformi u l-aġġustamenti tal-politika meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' Ewropa 2020.

Madankollu, l-iżvilupp u t-tixrid ta' approċċ ta' innovazzjoni soċjali fuq skala akbar fl-Unjoni huma mxekkla minn numru ta' fatturi, fosthom:

– għarfien insuffiċjenti dwar il-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-intrapriżi soċjali u l-imprendituri soċjali u organizzazzjonijiet tas-settur pubbliku;

– frammentazzjoni tal-isforzi u r-riżorsi, nuqqas ta' trasparenza u viżibilità, appoġġ finanzjarju limitat u ħiliet tekniċi insuffiċjenti tat-tip li jistgħu jgħinu lil organizzazzjonijiet sabiex jiżviluppaw u jipproduċu innovazzjonijiet soċjali;

– livelli baxxi ta' involvimenti ta' ċittadini u n-negozju;

– diffużjoni fqira, u żieda baxxa ta' prattiċi tajba;

– metodi fqar tal-valutazzjoni tal-impatt ta' azzjonijiet u politiki.

Filwaqt li l-indirizzar tal-problemi soċjoekonomiċi huwa primarjament responsabbiltà tal-Istati Membri u r-reġjuni u d-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu l-eqreb taċ-ċittadini, l-Unjoni għandha rwol li tqiegħed il-ħtieġa għal riformi speċifiċi fuq l-aġenda, tidentifika l-ostakli għall-bidla u modi kif dawn jistgħu jingħelbu, tiżgura li jkun hemm konformità mar-regoli fil-livell tal-Unjoni, tistimula l-kondiviżjoni ta' prattiċi tajba u t-tagħlim reċiproku, u tappoġġja l-innovazzjoni soċjali u approċċi fuq skala Ewropea.

- **Raġunijiet għall-proposta**

Il-Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Bidla Soċjali u l-Innovazzjoni huwa bbażat fuq tliet strumenti eżistenti:

– Il-Programm Progress stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 1672/2006/KE;

– EURES;

– Il-Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress għall-impjiegi u l-inklużjoni soċjali stabbilita bid-Deċiżjoni Nru 283/2010/UE.

**Il-Programm Progress**

Fi ħdan il-limiti ta' kompetenza tagħha, il-politika tal-impjiegi u soċjali tal-Unjoni, għandha l-għan ewlieni li tiżgura azzjoni kollettiva u koordinazzjoni tal-politika effettiva bejn l-Istati Membri. Il-qafas huwa previst mit-Trattat (TUE) li jistabbilixxi żewġ tipi prinċipali ta' azzjoni, jiġifieri koordinazzjoni (adozzjoni ta' miżuri mfassla sabiex tiġi inkoraġġita l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri) u leġiżlazzjoni (adozzjoni permezz ta' Direttivi, ta' rekwiżiti minimi).

Esperjenza preċedenti fit-tkabbir tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fl-oqsma tal-impjiegi u l-affarijiet soċjali tindika numru ta' fatturi li jinfluwenzaw is-suċċess tar-reazzjonijiet tal-politika koordinata, inkluż il-kunċettwalizzazzjoni konsistenti ta' fatturi ewlenin u l-interdipendenza tagħhom (eż. kif jiġi spjegat il-faqar fost dawk li jaħdmu, kif jiġu trattati l-inugwaljanzi tas-saħħa), terminoloġija komuni u miżuri li jippermettu l-monitoraġġ u l-valutazzjoni komparattiva), dejta komparabbli, u konverġenza jew sinerġiji bejn l-għanijiet, il-valuri u l-interessi ta' diversi partijiet interessati.

Sa mill-bidu tiegħu, il-Programm Progress ikkontribwixxa sabiex jingħataw reazzjonijiet ta' politika effettivi. Il-qafas tal-politika msaħħaħ taħt l-istrateġija l-ġdida Ewropa 2020 jimplika saħansitra ħtieġa aktar b'saħħitha għat-tfassil ta' politika bbażat fuq evidenza sabiex il-politiki u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jirrispondu għall-isfidi soċjoekonomiċi. Is-suċċessur għall-Programm Progress ser jassisti lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-kompiti tagħha:

– tiġbor informazzjoni u tiġbor evidenza dwar l-iżviluppi tal-politika rilevanti;

– timmonitorja u tirrapporta dwar il-progress magħmul mill-Istati Membri lejn il-prijoritajiet u l-objettivi komuni tal-Unjoni;

– tiżgura l-applikazzjoni effettiva u uniformi tal-liġi tal-Unjoni;

– timmodernizza l-liġi tal-Unjoni dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol b'mod konformi mal-prinċipji ta' Regolamentazzjoni Intelliġenti.

**EURES**

Il-moviment liberu tal-ħaddiema, wieħed mill-erba' libertajiet, jikkontribwixxi għall-iżvilupp ekonomiku u l-koeżjoni soċjali fl-Unjoni. Madankollu, hemm numru ta' ostakli għall-mobilità ġeografika fl-Unjoni, li jvarjaw minn ostakli legali u amministrattivi, spejjeż tal-akkomodazzjoni, it-trasferibbiltà tal-pensjonijiet, u ostakli lingwistiċi għal nuqqas ta' trasparenza tal-opportunitajiet tax-xogħol u appoġġ għat-tqabbil ta' dawk li jfittxu impjieg ma' opportunitajiet ta' xogħol. EURES għandu l-għan li jtejjeb it-trasparenza tas-swieq tax-xogħol billi jagħmel l-opportunitajiet tax-xogħol disponibbli fuq il-Portal tal-EURES dwar il-Mobilità fix-Xogħol u li jipprovdi appoġġ għal servizzi tal-informazzjoni, pariri u konsulenza fil-livell nazzjonali u transkonfinali.

Fl-istess ħin, ir-rwol tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi (PES) inbidel bħala riżultat tal-kriżi ekonomika riċenti u l-ħtieġa għal servizzi aktar speċifiċi. PES għandu jsir fornitur ta' tagħlim tul il-ħajja, billi joffri firxa wiesgħa ta' servizzi (bħal evalwazzjoni tal-ħiliet, taħriġ, konsulenza dwar il-karriera, tqabbil ta' impjiegi u profili, konsulenza lill-klijenti u provvista ta' servizzi adattati għall-ħtiġijiet ta' dawk l-aktar 'il bogħod mis-suq tax-xogħol. Barra minn hekk, EURES għandu jippromwovi metodi ta' xogħol ġodda ma' servizzi privati tal-impjiegi.

**Facilità Ewropea Progress ta' Mikrofinanzjament**

Li persuna tibda taħdem għal rasha hija waħda mill-possibiltajiet għal persuni diżokkupati sabiex ikollhom xogħol. Il-ħolqien tax-xogħol permezz tal-istabbiliment u l-konsolidazzjoni ta' negozji ġodda għandu rwol ewlieni fil-ksib tal-objettivi Ewropa 2020: numru sinifikanti tal-impjiegi ġodda fl-Unjoni jinħoloq minn impriżi li għadhom kif ġew stabbiliti u kważi 85 % ta' dawn l-impjiegi jinħolqu f'mikrointrapriżi. Madankollu, l-Unjoni hija 'l bogħod milli tisfrutta l-potenzjal sħiħ tagħha f'dan ir-rigward. Wieħed mill-akbar ostakli għall-ħolqien tan-negozju huwa n-nuqqas ta' aċċess għal finanzi, u speċjalment il-mikrokreditu, li kompla jiġi aggravat bil-kriżi ekonomika riċenti. Is-settur tal-mikrofinanzjament tal-Ewropa għadu ma laħaqx il-maturità. Sabiex jikber, l-istituzzjonijiet mikrofinanzjarji tal-Unjoni jeħtieġ li jibnu u jżommu mudelli ta' finanzjament adegwati. Għalhekk, hemm il-ħtieġa ċara sabiex jissaħħaħ il-bini tal-kapaċità istituzzjonali (speċjalment ta' istituzzjonijiet mikrofinanzjarji mhux bankarji) sabiex jiġu koperti l-ispejjeż tal-bidu u l-finanzjament għal self għal gruppi destinatarji b'riskju għoli.

Il-Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Bidla Soċjali u l-Innovazzjoni għandu l-għan li jtejjeb il-koerenza tal-azzjoni tal-UE fil-qasam tal-impjiegi u l-qasam soċjali billi jgħaqqad flimkien u jibni fuq l-implimentazzjoni tal-Programm Progress, il-EURES ("European Employment Services Network") u l-faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress. Barra minn hekk, il-Programm jipprovdi l-opportunità li tiġi simplifikata l-implimentazzjoni permezz ta' dispożizzjonijiet komuni li fost l-oħrajn ikopru għanijiet ġenerali komuni, tipoloġija komuni ta' azzjonijiet u razzjonalizzazzjoni tar-rapportar u l-evalwazzjoni. Fl-istess waqt, il-Programm jipprovdi għal sett limitat ta' dispożizzjonijiet speċifiċi li japplikaw għat-tliet taqsimiet (Progress, EURES u Mikrofinanzjament u Intraprenditorija Soċjali) sabiex jitqiesu r-rekwiżiti legali (inklużi r-regoli tal-komitoloġija li japplikaw biss għall-assi Progress, il-kopertura ġeografika u r-rapportar speċifiku u r-rekwiżiti ta' evalwazzjoni fil-każ tal-assi ta' Mikrofinanzjament u l-Intraprenditorija Soċjali).

- **Objettiv tal-proposta**

Il-Programm se jfittex li jikseb l-objettivi ġenerali li ġejjin:

(a) Isaħħaħ ir-responsabbiltà tal-objettivi tal-Unjoni fl-oqsma tal-impjiegi, il-kundizzjonijiet soċjali u tax-xogħol fost dawk li jfasslu l-politika tal-Unjoni u nazzjonali ewlenin, kif ukoll partijiet interessati oħra sabiex jittieħdu azzjonijiet konkreti u koordinati kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll tal-Istat Membru;

(b) Jappoġġja l-iżvilupp ta' sistemi ta' protezzjoni soċjali adegwati, aċċessibbli u effiċjenti u swieq tax-xogħol u jiffaċilita riforma tal-politika, billi jippromwovi governanza tajba, tagħlim reċiproku u innovazzjoni soċjali;

(c) Jimmodernizza l-liġi tal-Unjoni b'mod konformi mal-prinċipji tar-Regolamentazzjoni Intelliġenti u jiżgura li l-liġi tal-Unjoni fuq kwistjonijiet relatati mal-kundizzjonijiet tax-xogħol qed tiġi effettivament applikata;

(d) Jippromwovi l-mobilità ġeografika tal-ħaddiema u jagħti spinta lill-opportunitajiet tal-impjieg billi jiżviluppa s-swieq tax-xogħol tal-Unjoni li huma miftuħin u aċċessibbli għal kulħadd;

(e) Jippromwovi l-impjiegi u l-inklużjoni soċjali billi jżid id-disponibbiltà u l-aċċessibilità ta' mikrofinanzjament għal gruppi vulnerabbli u mikrointrapriżi u billi jagħti aċċess akbar għall-iffinanzjar għall-intrapriżi soċjali.

It-taqsimiet tal-'ugwaljanza bejn is-sessi' u n-'nondiskriminazzjoni' tal-Programm Progress se jiġu inkorporati fl-istrumenti l-ġodda fil-qasam tal-ġustizzja. Madankollu, fil-ksib tal-objettivi tiegħu, il-programm tal-Unjoni Ewropea għall-Bidla Soċjali u l-Innovazzjoni jippromwovi l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-mainstreaming tan-nondiskriminazzjoni.

## 2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MA' PARTIJIET INTERESSATI U VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet ma' partijiet interessati**

Bħala parti mir-reviżjoni tal-programm Progress attwali, il-Kummissjoni organizzat konsultazzjoni f'żewġ stadji:

1. Grupp ta' ħidma li jinvolvi r-rappreżentanti tal-partijiet interessati ewlenin tal-programm ġie stabbilit sabiex jipprovdi lill-Kummissjoni b'sett ta' rakkomandazzjonijiet dwar it-tfassil tal-istrument futur, l-objettivi, l-implimentazzjoni u l-finanzjament.

2. Konsultazzjoni pubblika online dwar strument suċċessur għall-programm Progress twettqet bejn l-4 t'April u s-27 ta' Mejju 2011.

Matul l-2011, il-Grupp ta' Ħidma tal-EURES u l-Kapijiet tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi (PES) organizzaw diskussjonijiet speċifiċi dwar il-futur tal-EURES.

Fir-rigward tal-mikrofinanzjament, il-Kummissjoni ġabret l-opinjonijiet tan-Netwerk tal-Mikrofinanzi Ewropew (NME), li jirrappreżenta s-settur mikrofinanzjarju tal-Unjoni, l-awtoritajiet tal-ġestjoni tal-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond Ewropew tal-Investiment (li jimplimenta l-Faċilità ta' Mikrofinanzjament Progress f'isem il-Kummissjoni) u l-Bank Ewropew tal-Investiment. Barra minn hekk, il-konstatazzjonijiet ta' żewġ workshops organizzati mis-servizzi tal-Kummissjoni, li koprew kemm il-mikrofinanzjament u l-appoġġ għall-intraprenditorija soċjali, ġew ikkunsidrati.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Twettqet[1] valutazzjoni tal-impatt komposta tal-istrumenti finanzjarji taħt ir-responsabbiltà tad-Direttorat Ġenerali 'tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni', li jkopri l-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, il-Programm Progress, EURES u l-Faċilità ta' Mikrofinanzjament Progress. Il-valutazzjoni tal-impatt ikkunsidrat tliet opzjonijiet:

– **opzjoni 1: l-ebda bidla tal-politika**: taħt din l-opzjoni, il-programm Progress, EURES u l-faċilità ta' mikrofinanzjament Progress, ikomplu jeżistu bħala strumenti separati paripassu mal-Fond Soċjali Ewropew.

– **opzjoni 2: programm integrat ġdid għall-bidla soċjali u innovazzjoni**: il-programm ġdid huma magħmul minn tliet assi separati minkejja kumplimentari: Progress, EURES u mikrofinanzjament u intraprenditorija soċjali.

– **opzjoni 3: strument uniku għall-impjiegi u l-affarijiet soċjali**: tali strument ikollu qasam tal-ġestjoni kondiviż (il-Fond Soċjali Ewropew) u qasam tal-ġestjoni dirett.

Il-valutazzjoni tal-impatt ikkonkludiet li l-opzjoni 2 hija l-opzjoni preferuta li ġġib l-aktar benefiċċji f'termini ta' titjib fl-effiċjenza, massa kritika, koerenza u effikaċja, filwaqt li tevita r-riskji politiċi u istituzzjonali.

## 3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

- **Bażi legali**

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 46(d), l-Artikolu 149, l-Artikolu 153(2)(a) u t-tielet paragrafu tal-Artikolu 175 tat-Trattat.

- **Prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità**

Hekk kif l-objettivi tal-Programm għall-Bidla Soċjali u l-Innovazzjoni propost ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, l-Unjoni tista' tadotta miżuri b'mod konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. B'mod konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkisbu dawn l-objettivi.

[1] Żid referenza.

## 4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

L-approprjazzjonijiet finanzjarji għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu li jibda mill-1 ta’ Jannar 2014 sal-31 ta’ Diċembru 2020 se jammontaw għal EUR 958.19 miljun (fi prezzijiet attwali).

2011/0270 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Bidla Soċjali u l-Innovazzjoni**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 46(d), l-Artikolu 149, l-Artikolu 153(2)(a) u t-tielet paragrafu tal-Artikolu 175 tiegħu

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li ġie trażmess l-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[2],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[3],

Filwaqt li jaġixxu mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) B'mod konformi mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 'Baġit għall-Ewropa 2020'[4], li tirrakkomanda r-razzjonalizzazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-istrumenti ta' finanzjament tal-Unjoni u l-irfinar tal-enfasi tagħhom kemm fuq il-valur miżjud kif ukoll fuq l-impatti u r-riżultati tal-Unjoni, dan ir-Regolament jistabbilixxi l-Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Bidla Soċjali u l-Innovjazzjoni (minn hawn 'il quddiem 'il-Programm') sabiex jipprovdi għall-kontinwazzjoni u l-iżvilupp tal-attivitajiet imwettqa fuq il-bażi tad-Deċiżjoni Nru 1672/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi Programm Komunitarju għall-Impjiegi u għas-Solidarjetà Soċjali – Progress[5], ir-Regolament Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni[6] u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/8/KE tat-23 ta' Diċembru 2002 li timplimenta r-Regolament Nru 1612/1968 dwar l-ikklerjar ta' postijiet tax-xogħol battala u applikazzjonijiet għall-impjieg[7] u d-Deċiżjoni Nru 283/2010/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 2010 li tistabbilixxi l-Faċilità Ewropea ta'

2 ĠU C , , p. .
3 ĠU C , , p. .
4 COM(2011) 500.
5 ĠU L 315, 15.11.2006, p. 1.
6 ĠU L 141, 27.5.2011, p. 1.
7 ĠU L 5, 10.1.2003, p. 16.

Mikrofinanzjament Progress għall-impjiegi u l-inklużjoni soċjali[8] (minn hawn 'il quddiem 'il-Faċilità').

(2) Fis-17 ta' Ġunju 2010, il-Kunsill Ewropew approva l-proposta tal-Kummissjoni għal Strateġija Ewropa 2020 għall-impjiegi u tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv, li tipprovdi għal ħames miri ewlenin (inklużi tlieta li jittrattaw l-impjiegi, il-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, u l-edukazzjoni rispettivament) u seba' inizjattivi ewlenin u b'hekk tikkostitwixxi qafas ta' politika koerenti għall-għaxar snin li ġejjin. Il-Kunsill Ewropew irrakkomanda mobilizzazzjoni sħiħa tal-istrumenti u l-politiki xierqa tal-UE għall-appoġġ tal-ksib tal-objettivi komuni u stiednu lill-Istati Membri iżidu l-azzjoni koordinata.

(3) B'mod konformi mal-Artikolu 148(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Kunsill adotta linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi fil-21 ta' Ottubru 2010, li, flimkien mal-linji gwida wiesgħa għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u tal-Unjoni adottati b'mod konformi mal-Artikolu 121 tat-Trattat, jinkludu l-linji gwida integrati tal-Ewropa 2020. Il-Programm għandu jikkontribwixxi għall-applikazzjoni tal-linji gwida integrati tal-Ewropa 2020, u b'mod partikolari l-Linji Gwida 7, 8 u 10, filwaqt li jagħtu appoġġ l-implimentazzjoni tal-inizjattivi ewlenin, b'rabta speċjali mal-Pjattaforma Ewropea kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali, Aġenda għall-Ħiliet Ġodda u l-Impjiegi u Żgħażagħ fl-Azzjoni.

(4) Il-Pjattaforma Ewropea kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali u l-inizjattivi ewlenin tal-Innovazzjoni tal-Unjoni jidentifikaw l-innovazzjoni soċjali bħala għodda b'saħħitha sabiex jiġu indirizzati l-isfidi soċjali li joriġinaw mit-tixjiħ tal-popolazzjoni, il-faqar, il-qgħad, il-mudelli ġodda tax-xogħol u l-istili tal-ħajja, u l-aspettattivi taċ-ċittadini fir-rigward tal-ġustizzja soċjali, l-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa. Il-Programm għandu jagħti appoġġ lil azzjoni sabiex tiżdied b'mod proporzjonali l-innovazzjoni soċjali fl-oqsma tal-politika li jaqgħu fi ħdan l-ambitu tiegħu fis-setturi pubbliċi, privati u t-tielet settur, billi jitqies ir-rwol tal-awtoritajiet reġjonali u lokali b'mod xieraq. B'mod partikolari, għandu jgħin l-identifikazzjoni, l-evalwazzjoni u ż-żieda ta' soluzzjonijiet u prattiċi innovattivi permezz tal-esperimentazzjoni soċjali sabiex jassisti lill-Istati Membri b'mod aktar effettiv biex jirriformaw is-swieq tax-xogħol u l-politiki tal-protezzjoni soċjali tagħhom. Għandu jaġixxi wkoll bħala katalist għal sħubijiet u netwerking transnazzjonali bejn l-atturi tas-settur pubbliku, privat u t-tielet settur kif ukoll jagħti appoġġ fl-involviment tagħhom fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' approċċi ġodda fl-indirizzar ta' ħtiġijiet u sfidi soċjali urġenti.

(5) B'konformità mal-Istrateġija Ewropa 2020, il-Programm għandu juża approċċ koerenti sabiex jippromwovi l-impjiegi u jiġġieled l-esklużjoni soċjali u l-faqar. L-implimentazzjoni tiegħu għandha tiġi razzjonalizzata u ssimplifikata, l-aktar permezz ta' sett ta' dispożizzjonijiet komuni li fost l-oħrajn jinkludu għanijiet ġenerali, tipoloġija tal-azzjonijiet, arranġamenti ta' sorveljar u evalwazzjoni. Il-Programm għandu jiffoka wkoll fuq proġetti kbar b'valur miżjud ċar tal-UE sabiex jilħaq il-massa kritika u jnaqqas il-piż amministrattiv kemm għall-benefiċjarji kif ukoll għall-Kummissjoni. Barra minn hekk, l-opzjonijiet ta' nfiq simplifikat (iffinanzjar b'somma f'daqqa u ffinanzjar b'rata fissa) għandhom jintużaw aktar b'mod partikolari għall-implimentazzjoni tal-iskemi ta' mobilità. Il-Programm għandu jkun post fejn wieħed jinqeda f'dak kollu li jkun jeħtieġ għall-fornituri ta' mikrofinanzjament, billi jipprovdi finanzjament għall-mikro-kreditu, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet u l-assistenza teknika. Finalment, il-Programm

[8] ĠU L 87, 7.4.2010, p. 1.

għandu jipprovdi għal flessibbiltà tal-baġit permezz tal-istabbiliment ta' riżerva li għandha tiġi allokata fuq bażi annwali sabiex twieġeb għall-prijoritajiet tal-politika.

(6) L-Unjoni għandha tipprovdi lilha nnifisha b'bażi analitika soda sabiex tappoġġja t-tfassil tal-politika fil-qasam tal-impjiegi u soċjali. Tali bażi ta' evidenza żżid il-valur għal azzjoni nazzjonali billi tiġi provduta dimensjoni tal-Unjoni u tqabbil għall-ġbir ta' dejta u l-iżvilupp ta' għodod u metodi statistiċi u indikaturi komuni bil-ħsieb li tiġi mfassla stampa sħiħa tas-sitwazzjoni fl-oqsma tal-impjiegi, il-politika soċjali u l-kundizzjonijiet tax-xogħol madwar l-Unjoni u tiġi żgurata l-evalwazzjoni ta' kwalità għolja tal-effiċjenza u l-effikaċja tal-programmi u l-politiki.

(7) L-Unjoni tinsab f'pożizzjoni unika sabiex tipprovdi pjattaforma tal-Unjoni għal skambji ta' politika u tagħlim reċiproku bejn l-Istati Membri fl-oqsma tal-impjiegi u soċjali. Għarfien tal-politiki applikati f'pajjiżi oħra u tar-riżultati tagħhom iwessa' l-firxa ta' opzjonijiet disponibbli għal persuni li jfasslu l-politika, jiskatta żviluppi ta' politika ġodda u jinkoraġġixxi riforma nazzjonali.

(8) Hija karatteristika ewlenija tal-politika soċjali Unjoni li jiġi żgurat li l-istandards minimi jkunu fis-seħħ u li l-kundizzjonijiet tax-xogħol jittejbu kostantament fl-Unjoni. L-Unjoni għandha rwol importanti kemm sabiex tiżgura li l-qafas leġiżlattiv huwa adattat, b'mod konformi mal-prinċipji tar-'Regolamentazzjoni Intelliġenti', fl-iżvilupp ta' mudelli tax-xogħol u riskji ġodda tas-saħħa u s-sigurtà kif ukoll fil-finanzjament ta' miżuri sabiex tiżdied il-konformità mar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema.

(9) Organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili attivi f'diversi livelli jista' jkollhom rwol importanti fl-issodisfar tal-objettivi tal-Programm, billi jipparteċipaw fil-proċess tat-tfassil tal-politika u billi jikkontribwixxu għall-innovazzjoni soċjali.

(10) L-Unjoni hija kommessa li ssaħħaħ id-dimensjoni soċjali tal-globalizzazzjoni billi tippromwovi xogħol diċenti u standards tax-xogħol internazzjonalment, jew direttament *vis-à-vis* pajjiżi terzi jew indirettament permezz ta' kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali. Għalhekk, jeħtieġ li jiġu żviluppati relazzjonijiet xierqa ma' pajjiżi terzi li mhumiex qed jipparteċipaw fil-Programm sabiex jgħinuha tilħaq l-objettivi tagħha, wara li tikkunsidra kwalunkwe ftehimiet rilevanti bejn dawn il-pajjiżi u l-Unjoni. Dan jista' jinvolvi l-attendenza ta' rappreżentanti ta' dawn il-pajjiżi terzi f'avvenimenti ta' interess reċiproku (bħal konferenzi, workshops u seminars) li jsiru f'pajjiżi li qed jipparteċipaw fil-Programm. Barra minn hekk, il-kooperazzjoni għandha tiġi żviluppata mal-organizzazzjonijiet internazzjonali konċernati, u b'mod partikolari l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), il-Kunsill tal-Ewropa u l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi(OECD), bil-ħsieb li jiġi implimentat il-Programm b'mod li jqis ir-rwol ta' dawn l-organizzazzjonijiet.

(11) B'mod konformi mal-Artikoli 45 u 46 tat-Trattat, Regolament (UE) Nru 492/2011 jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet maħsuba sabiex jinkiseb il-moviment ħieles għall-ħaddiema billi jiżgura l-kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u mal-Kummissjoni. EURES għandu jippromwovi funzjonament aħjar tas-swieq tax-xogħol billi jiffaċilita l-mobilità ġeografika transnazzjonali tal-ħaddiema, jipprovdi akbar trasparenza fuq is-suq tax-xogħol, jiżgura l-ikklerjar ta' postijiet tax-xogħol battala u applikazzjonijiet għax-xogħol u jappoġġja attivitajiet fl-oqsma tas-servizzi tar-reklutaġġ, pariri u konsulenza fil-livell nazzjonali u transkonfinali, b'hekk ikun qed jikkontribwixxi għall-objettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020.

(12) L-ambitu ta' EURES għandu jitwessa' sabiex jiżviluppa u jappoġġja skemi ta' mobilità mmirati fil-livell tal-Unjoni bil-ħsieb li jimtlew postijiet tax-xogħol battala fejn ġew identifikati nuqqasijiet tas-suq tax-xogħol. B'mod konformi mal-Artikolu 47 tat-Trattat, l-iskema għandha tiffaċilita l-mobilità fost ħaddiema żgħażagħ.

(13) L-Istrateġija Ewropa 2020, u b'mod partikolari l-Linja Gwida 7, tidentifika l-impjieg indipendenti u l-intraprenditorija bħala kruċjali sabiex jinkiseb tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv[9].

(14) In-nuqqas ta' aċċess għal kreditu huwa wieħed mill-ostakli għall-ħolqien tan-negozju, speċjalment fost il-persuni l-aktar 'il bogħod mis-suq tax-xogħol. Sforzi tal-Unjoni u nazzjonali f'dan il-qasam jeħtieġ li jiżdiedu sabiex tiżdied il-provvista ta' mikrofinanzjament u tintlaħaq id-domanda minn dawk li jetiġuha l-aktar, u b'mod partikolari persuni diżokkupati u vulnerabbli li jixtiequ jibdew jew jiżviluppaw mikrointrapriża, inkluż fuq il-bażi ta' impjieg indipendenti, iżda m'għandhomx aċċess għal kreditu. Bħala l-ewwel pass, fl-2010 il-Parlament Ewropew u l-Kunsill waqqfu l-Faċilità.

(15) Sabiex il-mikrofinanzjament ikun aktar disponibbli fis-suq tal-mikrofinanzjament ġdid tal-Unjoni jeħtieġ li l-kapaċità istituzzjonali tal-fornituri tal-mikrofinanzjament, u b'mod partikolari istituzzjonijiet tal-mikrofinanzjament mhux bankarji, tiżdied b'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 'Inizjattiva Ewropea għall-iżvilupp ta' mikro kreditu'[10].

(16) Intrapriżi soċjali huma l-bażi tal-ekonomija soċjali tas-suq pluralistika tal-Ewropa.Dawn jistgħu jaġixxu bħala l-forzi tal-bidla soċjali billi joffru soluzzjonijiet innovattivi, ugħalhekk jagħmlu kontribuzzjoni siewja sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020. Il-programm għandu jtejjeb l-aċċess għal intrapriżi soċjali sabiex jiffinanzjaw u b'hekk jikkontribwixxu għall-Inizjattiva ta' Negozju Soċjali mnedija mill-Kummissjoni[11].

(17) Sabiex tiġi kapitalizzata l-esperjenza tal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, u b'mod partikolari l-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment, azzjoni li tinvolvi l-mikrofinanzjament u l-intraprenditorija soċjali għandha tiġi implimentata mill-Kummissjoni b'mod indirett billi tagħmel lill-istituzzjonijiet finanzjarji responsabbli mill-kompiti relatati mal-implimentazzjonijiet tal-baġit skont ir-regolament finanzjarju. L-użu tar-riżorsi tal-Unjoni jikkonċentra l-ingranaġġ minn istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u investituri oħra, jgħaqqad l-approċċi u b'hekk itejjeb l-aċċess għal finanzi għal mikrointrapriżi, inklużi l-ħaddiema għal rashom, u intrapriżi soċjali. Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għalhekk tassisti fl-iżvilupp tas-settur tan-negozju soċjali emerġenti u s-suq tal-mikrofinanzjament fl-Unjoni u tinkoraġġixxi l-attivitajiet transkonfinali.

(18) B'mod konformi mal-Artikoli 8 u 10 tat-Trattat, il-Programm għandu jappoġġja l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-objettivi kontra d-diskriminazzjoni fl-attivitajiet kollha tiegħu. Minitoraġġ regolari u evalwazzjoni għandhom jitwettqu sabiex jiġi evalwat il-mod li bih il-kwistjonijiet tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-antidiskriminazzjoni jiġu indirizzati fl-attivitajiet tal-Programm.

---

[9] Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/707/UE tal-21 ta' Diċembru 2010 dwar il-linji gwida għall-politiki tal-impjieg tal-Istati Membri, ,ĠU L 308, 24.11.2010, p. 46.

[10] COM(2007)708 tat-13 ta' Novembru 2007.

[11] COM(2011) XXX

(19) Skont l-Artikolu 9 tat-Trattat, il-Programm għandu jiżgura li r-rekwiżiti konnessi mal-promozzjoni ta' livell għoli ta' impjiegi, garanzija ta' protezzjoni soċjali adegwata u l-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali jitqiesu fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet tal-Unjoni.

(20) Biex jiġi żgurata iktar effiċjenza fil-komunikazzjoni lill-pubbliku ġenerali u sinerġiji iktar b'saħħithom bejn l-azzjonijiet ta' komunikazzjoni skont dan ir-Regolament se jikkontribwixxu wkoll għall-komunikazzjoni korporattiva tal-prioritajiet politiċi tal-Unjoni Ewropea sakemm ikunu relatati għall-objettivi ġenerali ta' dan ir-Regolament.

(21) Peress li l-objettivi ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti fil-livell tal-Istati Membri u għaldaqstant, minħabba l-iskala u l-effetti tagħhom, jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri b'mod konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. B'mod konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi.

(22) Dan ir-Regolament jistabbilixxi, għat-tul tal-Programm, ammont finanzjarju totali li jikkostitwixxi r-referenza essenzjali, fit-tifsira tal-Punt 17 tal-Ftehim Interistituzzjonali ta' {…} bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u fuq il-ġestjoni finanzjarja soda, għall-awtorità baġitarja matul il-proċedura baġitarja annwali.

(23) L-interessi finanzjarji tal-Unjoni għandhom jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati matul iċ-ċiklu tan-nefqa, inklużi l-prevenzjoni, l-iskoperta u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet, l-irkupru ta' fondi li jkunu ntilfu, imħallsa bi żball jew użati b'mod mhux korrett u, fejn xieraq, penali.

(24) Is-setgħat ta' implimentazzjoni għandhom jiġi konferiti lill-Kummissjoni bil-ħsieb li tiżgura li hemm kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' azzjonijiet taħt it-taqsimiet tal-EURES u Mikrofinanzjament u Intraprenditorija Soċjali tal-Programm.

(25) Is-setgħat ta' implimentazzjonirelatati mal-azzjonijiet imwettqa taħt it-taqsima Progress tal-Programm għandhom jiġu eżerċitati b'mod konformi mar-Regoloament (EU) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali fir-rigward tal-mekkaniżmi għall-kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju tal-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni[12].

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

---

[12] ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

# Titolu I
# Dispożizzjonijiet komuni

*Artikolu 1*
*Suġġett*

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Bidla Soċjali u l-Innovazzjoni (minn hawn 'il quddiem 'il-Programm') li għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020, il-miri ewlenin tagħha u l-Linji-Gwida Integrati billi jipprovdi appoġġ finanzjarju għall-għanijiet tal-Unjoni Ewropea f'termini ta' promozzjoni ta' livell għoli ta' impjiegi, garanzija ta' protezzjoni soċjali adegwata, u ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali u l-faqar u t-titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol.

2. Il-Programm għandu jibda mill-1 ta' Jannar 2014 u jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020.

*Artikolu 2*
*Definizzjonijiet*

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

(a) 'Intrapriża soċjali' tfisser intrapriża li l-għan ewlieni tagħha huwa li tikseb impatt soċjali minflok ma tiġġenera qligħ għas-sidien u l-partijiet interessati. Topera fis-suq permezz tal-produzzjoni ta' oġġetti u servizzi b'mod intraprenditorjali u innovattiv u tuża l-qligħ primarjament sabiex tilħaq għanijiet soċjali. Hija ġestita b'mod responsabbli u trasparenti, b'mod partikolari billi tinvolvi l-ħaddiema, il-klijenti u l-partijiet interessati affettwati mill-attività tan-negozju tagħha.

(b) 'Mikrokreditu' jfisser self sa EUR 25 000.

(c) 'Mikrointrapriża' tfisser intrapriża li tħaddem inqas minn 10 persuni, inklużi persuni li jaħdmu għal rashom, u li d-dħul annwali u/jew it-total tal-karta tal-bilanċ annwali tagħha ma jeċċedix EUR 2 miljun, b'mod konformi mar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 rigward id-definizzjoni ta' mikrointrapriżi, intrapriżi żgħar u ta' daqs medju[13].

(d) 'Mikrofinanzjament' jinkludi garanziji, kontrogaranziji, mikrokreditu, ekwità u kważi-ekwità estiżi għal persuni u mikrointrapriżi.

*Artikolu 3*
*Struttura tal-Programm*

1. Il-Programm għandu jkun magħmul mit-tliet assi ta' kumplimentarjetà li ġejjin:

---

[13] ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36.

(a) L-assi Progress, li għandu jappoġġja l-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politika u l-leġiżlazzjoni tal-impjiegi u soċjali tal-Unjoni dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol u għandu jippromwovi t-tfassil ta' politika bbażata fuq evidenza u l-innovazzjoni, bi sħubija mal-imsieħba soċjali, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u partijiet interessati oħra;

(b) L-assi EURES, li għandu jappoġġja l-attivitajiet imwettqa min-netwerk EURES, jiġifieri s-servizzi speċjalizzati deżinjati mill-Istati Membri taż-ŻEE u l-Konfederazzjoni Svizzera, flimkien ma' partijiet interessati oħra, għall-iżvilupp ta' skambji u tixrid ta' informazzjoni u forom oħra ta' kooperazzjoni għall-promozzjoni tal-mobilità ġeografika tal-ħaddiema;

(c) L-assi tal-Mikrofinanzjament u l-Intraprenditorija Soċjali li għandha tiffaċilita l-aċċess għall-finanzi għal imprendituri, speċjalment dawk l-aktar 'il bogħod mis-suq tax-xogħol, u intrapriżi soċjali.

2. Id-dispożizzjonijiet komuni stabbiliti fl-Artikoli 1 sa 14 għandhom japplikaw għat-tliet assi stabbiliti fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1, li għal kull waħda minnhom għandhom japplikaw ukoll dispożizzjonijiet speċifiċi.

*Artikolu 4*
*Objettivi ġenerali tal-Programm*

1. Il-Programm għandu jipprova jilħaq l-objettivi ġenerali li ġejjin:

(a) Isaħħaħ ir-responsabbiltà tal-objettivi tal-Unjoni fl-oqsma tal-impjegi, soċjali u tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fost il-persuni ewlenin li jfasslu l-politika tal-Unjoni u nazzjonali, kif ukoll partijiet interessati oħra sabiex jiġu implimentati azzjonijiet konkreti u koordinati kemm fil-livell tal-Unjoni u tal-Istati Membri;

(b) Jappoġġja l-iżvilupp ta' sistemi ta' protezzjoni soċjali u swieq tax-xogħol adegwati, aċċessibbli u effiċjenti u jiffaċilita r-riforma tal-politika, billi ssir promozzjoni tal-governanza tajba, it-tagħlim reċiproku u l-innovazzjoni soċjali;

(c) Jimmodernizza l-liġi tal-Unjoni b'mod konformi mal-prinċipji tar-Regolamentazzjoni Intelliġenti u jiżgura li l-liġi tal-Unjoni dwar kwistjonijiet relatati mal-kundizzjonijiet tax-xogħol tiġi applikata b'mod effettiv;

(d) Jippromwovi l-mobilità ġeografika tal-ħaddiema u jsaħħaħ l-opportunitajiet tax-xogħol billi jiżviluppa s-swieq tax-xogħol tal-Unjoni li huma miftuħin u aċċessibbli għal kulħadd;

(e) Jippromwovi l-impjiegi u l-inklużjoni soċjali billi jżid id-disponibbiltà u l-aċċessibilità tal-mikrofinanzjament għal gruppi vulnerabbli u mikrointrapriżi, u billi jagħti aċċess akbar għall-iffinanzjar għall-intrapriżi soċjali.

2. Fit-twettiq ta' dawn l-objettivi, il-Programm għandu jkollu l-għan li:

(a) Jippromwovi l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u jiġġieled id-diskriminazzjoni fuq bażi ta' sess, l-oriġini tar-razza jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali;

(b) Jiżgura li r-rekwiżiti marbuta mal-promozzjoni ta' livell għoli ta' impjiegi, garanzija ta' protezzjoni soċjali adegwata u l-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali jiġu kkunsidrati fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet tal-Unjoni.

*Artikolu 5*
*Baġit*

1. L-approprjazzjonijiet finanzjarji għall-implimentazzjoni tal-Programm matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020 għandhom jammontaw għal EUR 958.19 miljun[14].

2. Il-persentaġġi indikattivi li ġejjin għandhom jiġu allokati għall-assi stabbiliti fl-Artikolu 3 (1):

(a) 60 % għall-assi Progress, li minnhom mill-inqas 17 % għandhom jiġu allokati għall-promozzjoni tal-esperimentazzjoni soċjali bħala metodu għall-ittestjar u l-evalwazzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi bil-ħsieb li jiżdiedu proporzjonalment;

(b) 15 % għall-assi EURES;

(c) 20 % għall-assi tal-Mikrofinanzjament u l-Intraprenditorija Soċjali.

Il-5 % li jifdal għandhom jitqassmu fost l-assi fuq bażi annwali b'mod konformi mal-prijoritajiet tal-politika.

3. Il-Kummissjoni tista' tagħmel użu mill-appropriazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 għall-assistenza finanzjarja, teknika u/jew amministrattiva, b'mod partikolari b'rabta mal-awditjar, l-esternalizzazzjoni tat-traduzzjoni, il-laqgħat tal-esperti, u l-attivitajiet tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għall-benefiċċju reċiproku tal-Kummissjoni ul-benefiċjarji.

4. Approprjazzjonijiet annwali għandhom jiġu awtorizzati mill-awtorità baġitarja fi ħdan il-limitu massimu stabbilit fil-qafas finanzjarju multiannwali.

*Artikolu 6*
*Tipi ta' azzjonijiet*

It-tipi ta' azzjonijiet li ġejjin jistgħu jiġu ffinanzjati taħt il-Programm:

1. Attivitajiet analitiċi:

(a) Il-ġbir ta' dejta u statistiki kif ukoll l-iżvilupp ta' metodoloġiji, klassifikazzjonijiet, indikaturi u parametri referenzjarji komuni;

---

[14] Fi prezzijiet attwali.

(b) Stħarriġ, studji, analiżi u rapporti, inklużi permezz tal-finanzjament ta' netwerks ta' esperti;

(c) Evalwazzjonijiet u valutazzjonijiet tal-impatt;

(d) Monitoraġġ u valutazzjoni tat-traspożizzjoni u l-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni;

(e) Tħejjija u implimentazzjoni tal-esperimentazzjoni soċjali bħala metodu għall-ittestjar u l-evalwazzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi bil-ħsieb li jiżdiedu proporzjonalment;

(f) Tixrid tar-riżultati ta' dawn l-attivitajiet analitiċi.

2. Attivitajiet ta' tagħlim reċiproku, għarfien u tixrid:

(a) Skambji u tixrid ta' prattika tajba, approċċi innovattivi u esperjenza, reviżjonijiet *inter pares*, valutazzjoni komparattiva u tagħlim reċiproku fil-livell Ewropew;

(b) Avvenimenti, konferenzi u seminars tal-Presidenza tal-Kunsill;

(c) Taħriġ ta' professjonisti legali u politiċi, u konsulenti tal-EURES;

(d) Abbozzar u pubblikazzjoni ta' gwidi, rapporti u materjal edukattiv;

(e) Attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni;

(f) Żvilupp u manutenzjoni ta' sistemi tal-informazzjoni sabiex tiġi skambjata u mxerrda informazzjoni dwar il-politika u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni kif ukoll informazzjoni dwar is-suq tax-xogħol.

3. Appoġġ għall-awturi ewlenin fir-rigward ta':

(a) L-ispejjeż operattivi tan-netwerks fil-livell tal-Unjoni ewlenin li l-attivitajiet tagħhom huma relatati u jikkontribwixxu għall-objettivi tal-assi Progress;

(b) Tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' amministrazzjonijiet nazzjonali u servizzi ta' speċjalisti responsabbli mill-promozzjoni tal-mobilità ġeografika magħżula mill-Istati Membri u l-forrnituri ta' mikrokreditu

(c) Organizzazzjoni ta' gruppi ta' ħidma tal-uffiċjali nazzjonali sabiex iwettqu l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni;

(d) Netwerking u kooperazzjoni fost il-korpi speċjalizzati, l-awtoritajiet nazzjonali, u s-servizzi tal-impjiegi reġjonali u lokali fil-livell Ewropew;

(e) Finanzjament ta' osservatorji fil-livell Ewropew;

(f) Skambju ta' persunal bejn l-amministrazzjonijiet nazzjonali;

4. Azzjonijiet għall-promozzjoni tal-mobilità ta' individwi fl-Unjoni, b'mod partikolari fl-iżvilupp ta' pjattaforma diġitali multiannwali għall-approvazzjoni ta' postijiet tax-xogħol battala u applikazzjonijiet għax-xogħol, u skemi ta' mobilità mmirati sabiex jimlew il-postijiet

battala fejn ġew identifikati nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol u/jew sabiex jgħinu gruppi speċifiċi ta' ħaddiema bħaż-żgħażagħ.

5. Appoġġ għall-mikrofinanzjament u l-intrapriżi soċjali b'mod partikolari permezz ta' strumenti finanzjarji5 Previst skont it-Titolu VIII tal-Parti I tar-Regolament XXX/2012 [Regolament Finanzjarju Ġdid] dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit annwali tal-Unjoni, u għotjiet.

*Artikolu 7*
*Azzjoni konġunta*

Azzjonijiet eliġibbli taħt il-Programm jistgħu jiġu implimentati b'mod konġunt ma' strumenti oħra tal-Unjoni, bil-kundizzjoni li dawn l-azzjonijiet jissodisfaw l-objettivi ta' kemm il-Programm kif ukoll ta' strumenti oħra konċernati.

*Artikolu 8*
*Konsistenza u kumplimentarjetà*

1. 1. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, għandha tiżgura li l-attivitajiet imwettqa taħt il-Programm huma konsistenti, u komplimentari ma' azzjoni oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari taħt il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) u f'dawk l-oqsma bħad-djalogu soċjali, il-ġustizzja u d-drittijiet fundamentali, l-edukazzjoni, it-taħriġ vokazzjonali u l-politika dwar iż-żgħażagħ, ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-intraprenditorija, is-saħħa, it-tkabbir u r-relazzjonijiet esterni, u l-politika ekonomika ġenerali.

2. 2 L-attivitajiet appoġġjati mill-Programm għandhom jikkonformaw mal-liġi tal-Unjoni u nazzjonali, inkluż regoli dwar l-għajnuna tal-istat.

*Artikolu 9*
*Kooperazzjoni mal-kumitati*

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi kwalunkwe relazzjonijiet meħtieġa mal-kumitati li jittrattaw il-politiki, l-istrumenti u l-azzjonijiet rilevanti għall-Programm sabiex tiżgura li dawn ikunu informati regolarment u b'mod xieraq fir-rigward tal-progress fl-implimentazzjoni tiegħu.

*Artikolu 10*
*Tixrid ta' riżultati u l-komunikazzjoni*

3. 1 Ir-riżultati tal-azzjonijiet implimentati taħt il-Programm għandhom jiġu komunikati u mxerrda b'mod xieraq sabiex jiġu massimizzati l-impatt, is-sostenibilità u l-valur miżjud tal-Unjoni.

4. 2 Attivitajiet tal-komunikazzjoni jikkontribwixxu wkoll biex jinkorporaw il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni Ewropea sakemm ikunu relatati għall-għanijiet ġenerali ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 11*
*Dispożizzjonijiet finanzjarji*

5. 1. Il-Kummissjoni għandha tiġġestixxi l-Programm b'mod konformi ma' XXXX/2012 [ir-Regolament Finanzjarju l-Ġdid] dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit annwali tal-Unjoni ('ir-Regolament Finanzjarju')[15].

6. 2. Finanzjament b'somma f'daqqa u b'rata fissa jistgħu jintużaw fir-rigward tal-appoġġ mogħti lill-parteċipanti tal-programm, b'mod partikolari fir-rigward tal-iskemi ta' mobilità msemmija fl-Artikolu 6(4).

*Artikolu 12*
*Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni*

1. Il-Kummissjoni għandha tieħu l-miżuri xierqa li jiżguraw li, meta l-azzjonijiet iffinanzjati taħt dan ir-Regolament jiġu implimentati, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jkunu protetti bl-applikazzjoni tal-miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attivitajiet illegali oħra, permezz ta' kontrolli effettivi u, jekk jiġu skoperti irregolaritajiet, billi jiġu rkuprati l-ammonti li ma kellhomx jitħallsu u, fejn xieraq permezz ta' penali effettivi, proporzjonali u ta' deterrent, b'mod konformi mal-Artikolu 325 tat-Trattat, ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea[16] u r-Regolament Finanzjarju.

2. Il-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti tagħha u l-Qorti tal-Awdituri għandu jkollhom is-setgħa tal-awditjar, fuq il-bażi tad-dokumenti u fuq il-post, fuq il-benefiċjarji kollha tal-għotja, il-kuntratturi u sottokuntratturi kif ukoll il-partijiet terzi li rċevew fondi tal-Unjoni. L-OLAF għandu jkun awtorizzat sabiex iwettaq kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post fuq l-operaturi ekonomiċi direttament jew indirettament ikkonċernati mit-tali fondi b'mod konformi mal-proċeduri stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra[17] bil-ħsieb li jiġi stabbilit li kien hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività oħra illegali f'konnessjoni ma' ftehim tal-għotja jew deċiżjoni jew kuntratt li jikkonċerna l-finanzjament tal-Unjoni.

3. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1 u 2, deċiżjonijiet, ftehimiet u kuntratti preċedenti li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni, inklużi l-OLAF u l-Qorti tal-Awdituri għandhom ikunu espressament intitolati jmexxu dawn il-verifiki, kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post.

---

15 ĠU L XXX, XX.XX.2012, p. XX.
16 ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1.
17 ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2.

*Artikolu 13*
*Monitoraġġ*

Bil-ħsieb tal-monitoraġġ regolari tal-Programm u kwalunkwe aġġustamenti meħtieġa għall-politika u l-prijoritajiet ta' finanzjament tiegħu, il-Kummissjoni għandha tfassal rapporti ta' monitoraġġ biennali u tibgħathom lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill. Dawn ir-rapporti għandhom ikopru r-riżultati tal-Programm u l-punt safejn il-kwistjonijiet tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-antidiskriminazzjoni ġew indirizzati permezz tal-attivitajiet tiegħu.

*Artikolu 14*
*Evalwazzjoni*

1. Evalwazzjoni ta' nofs il-perjodu tal-Programm għandha titwettaq sa tmiem l-2017 sabiex jitkejjel il-progress li sar fil-kisba tal-għanijiet tiegħu, sabiex jiġi determinat jekk ir-riżorsi tiegħu ntużawx b'mod effiċjenti u sabiex jiġi evalwat il-valur miżjud tal-Unjoni tiegħu.

2. Mhux aktar tard minn sentejn wara l-iskadenza tal-Programm, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni *ex-post* li tkejjel l-impatt tiegħu u l-valur miżjud tal-Unjoni u għandha tgħaddi rapport dwar dik l-evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni

# Titoli II
# Dispożizzjonijiet Speċifiċi

## Kapitolu I
## L-Assi Progress

*Artikolu 15*
*Objettivi speċifiċi*

Minbarra l-objettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 4, l-objettivi speċifiċi tal-assi Progress għandhom ikunu:

(a) Żvilupp u tixrid ta' għarfien analitiku komparattiv ta' kwalità għolja sabiex jiġi żgurat li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-impjiegi u l-politika soċjali u l-kundizzjonijiet tax-xogħol jkunu bbażati fuq evidenza soda u jkunu rilevanti għall-ħtiġijiet, l-isfidi u l-kundizzjonijiet fl-Istati Membri individwali u pajjiżi parteċipanti oħra;

(b) Faċilitazzjoni ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni, tagħlim reċiproku u djalogu dwar l-impjiegi u l-politika soċjali tal-Unjoni u l-leġiżlazzjoni tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali u internazzjonali sabiex l-Istati Membri u l-pajjiżi parteċipanti l-oħra jiġu assistiti fl-iżvilupp tal-politiki tagħhom u fl-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni;

(c) Provvista ta' appoġġ finanzjarju lil dawk li jfasslu l-politika sabiex jittestjaw riformi tal-politika soċjali u tas-suq tax-xogħol; il-bini tal-kapaċità tal-atturi ewlenin sabiex ifasslu u jimplimentaw esperimentazzjoni soċjali; u l-provvista ta' aċċess għall-għarfien u l-kompetenza rilevanti;

(d) Provvista ta' appoġġ finanzjarju lill-organizzazzjonijiet tal-Unjoni u nazzjonali sabiex iżidu l-kapaċità tagħhom biex jiżviluppaw, jippromwovu u jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-impjiegi u l-politika soċjali u l-kundizzjonijiet tax-xogħol.

*Artikolu 16*
*Parteċipazzjoni*

1. Parteċipazzjoni fl-assi Progress għandha tkun miftuħa għall-pajjiżi li ġejjin:

   (a) L-Istati Membri;

   (b) Il-pajjiżi membri tal-EFTA u taż-ŻEE, b'mod konformi mal-ftehim taż-ŻEE;

   (c) Il-pajjiżi tal-adeżjoni u kandidati u l-kandidati potenzjali, b'mod konformi mal-prinċipji ġenerali u t-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali stabbiliti fil-ftehimiet qafas konklużi magħhom dwar il-parteċipazzjoni tagħhom fil-programmi tal-Unjoni.

2. L-assi Progress għandu jkun miftuħ għall-korpi, atturi u istituzzjonijiet kollha pubbliċi u/jew privati, u b'mod partikolari:

(a) Awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali;

(b) Servizzi tal-impjiegi;

(c) Korpi speċjalizzati previsti taħt il-liġi tal-Unjoni;

(d) L-imsieħba soċjali;

(e) Organizzazzjonijiet mhux governattivi, u b'mod partikolari dawk organizzati fil-livell tal-Unjoni;

(f) Istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla u istituti tar-riċerka;

(g) Esperti fl-evalwazzjoni u fil-valutazzjoni tal-impatt;

(h) Uffiċċji tal-istatistika nazzjonali;

(i) Il-midja.

3. Il-Kummissjoni tista' tikkoopera mal-organizzazzjonijiet internazzjonali, u b'mod partikolari l-Kunsill tal-Ewropa, l-OECD, l-ILO u l-Bank Dinji.

4. Il-Kummissjoni tista' tikkoopera ma' pajjiżi terzi li mhux qed jipparteċipaw fil-Programm. Ir-rappreżentanti ta' dawn il-pajjiżi terzi jistgħu jattendu avvenimenti ta' interess reċiproku (bħal konferenzi, workshops u seminars) li jsiru fil-pajjiżi li qed jipparteċipaw fil-Programm u l-ispiża tal-attendenza tagħhom tista' tkun koperta mill-Programm.

*Artikolu 17*
*Setgħat ta' implimentazzjoni kkonferiti lill-Kummissjoni*

1. Miżuri relatati ma' dan li ġej u li huma meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-assi Progress għandhom jiġu adotatti b'mod konformi mal-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 18(3):

(a) il-pjanjijiet ta' ħidma multiannwali li jistabbilixxu l-politika ta' terminu medju u l-prijoritajiet ta' finanzjament;

(b) l-pjanijiet ta' ħidma annwali, inklużi l-kriterji għall-għażla tal-benefiċjarji wara sejħiet għall-proposti.

2. Il-miżuri l-oħra kollha meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-assi Progress għandhom jiġu adotatti b'mod konformi mal-proċedura ta' konsulenza msemmija fl-Artikolu 18(2).

*Artikolu 18*
*Kumitat*

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita minn kumitat. Il-kumitat għandu jkun kumitat fit-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 19*
*Miżuri tranżitorji*

Azzjonijiet li jinbdew qabel l-1 ta’ Jannar 2014 fuq il-bażi tad-Deċiżjoni 1672/2006/KE (Taqsimiet 1, 2 u 3 imsemmija fl-Artikolu 3 tagħha) għandhom jibqgħu jiġu rregolati minn dik id-Deċiżjoni. Fir-rigward ta’ dawk l-azzjonijiet, il-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 13 ta’ dik id-Deċiżjoni għandu jiġi sostitwit mill-Kumitat previst fl-Artikolu 18 ta’ dan ir-Regolament.

# Kapitolu II
# L-Assi EURES

*Artikolu 20*
*Objettivi speċifiċi*

Minbarra l-objettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 4, l-objettivi speċifiċi tal-assi EURES għandhom ikunu li:

(a) Jiżguraw li postijiet tax-xogħol battala u applikazzjonijiet tax-xogħol u kwalunkwe informazzjoni relatata huma trasparenti għall-applikanti u l-impjegaturi potenzjali; dan għandu jinkiseb permezz tal-iskambju u t-tixrid tagħhom fil-livell transnazzjonali, interreġjonali u transkonfinali bl-użu ta’ formoli standard tal-interoperabilità;

(b) Jiżviluppaw servizzi għar-reklutaġġ u t-tqegħid ta’ ħaddiema fl-impjieg permezz tal-ikklerjar ta’ postijiet tax-xogħol battala u applikazzjonijiet tax-xogħol fil-livell Ewropew; dan għandu jkopri l-fażijiet kollha tat-tqegħid fl-impjieg, mifruxa mit-tħejjija ta’ qabel ir-reklutaġġ għal assistenza wara t-tqegħid fl-impjieg bil-ħsieb tal-integrazzjoni b’suċċess tal-applikant fis-suq tax-xogħol; dawn is-servizzi għandhom jinkludu skemi ta’ mobilità mmirati għall-mili ta’ postijiet tax-xogħol battala fejn ġew identifikati nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol u/jew assistenza lil gruppi ta’ ħaddiema partikolari bħaż-żgħażagħ.

*Artikolu 21*
*Parteċipazzjoni*

1. Parteċipazzjoni fl-assi EURES għandha tkun miftuħa għall-pajjiżi li ġejjin:

   (a) l-Istati Membri;

   (b) il-pajjiżi membri tal-EFTA u ż-ŻEE b'mod konformi mal-Ftehim taż-ŻEE u mal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Svizzera min-naħa l-oħra, dwar il-moviment ħieles tal-persuni[18].

2. L-assi EURES għandu jkun miftuħ għall-korpi, atturi u istituzzjonijiet kollha pubbliċi u privati deżinjati minn Stat Membru jew mill-Kummissjoni li jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni fin-netwerk EURES, kif stabbilit fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/8/KE[19]. Dawn il-korpi u organizzazzjonijiet għandhom jinkludu b'mod partikolari:

   (a) L-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali;

   (b) Servizzi tal-impjiegi;

   (c) Organizzazzjonijiet ta' msieħba soċjali u partijiet interessati oħra.

# Kapitolu III
# L-Assi tal-Mikrofinanzjament u l-Intraprenditorija Soċjali

*Artikolu 22*
*Objettivi speċifiċi*

Minbarra l-objettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 4, l-objettivi speċifiċi tal-assi tal-Mikrofinanzjament u l-Intraprenditorija Soċjali għandhom ikunu li:

1. Jiżdied l-aċċess għal mikrofinanzjament u d-disponibiltà għalih għal:

   (a) persuni li tilfu jew li huma fir-riskju li jitilfu l-impjieg tagħhom, jew li għandhom diffikultà sabiex jidħlu jew jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol, persuni f'riskju tal-esklużjoni soċjali u persuni vulnerabbli li huma f'pożizzjoni żvantaġġata fir-rigward tal-aċċess għas-suq tal-kreditu konvenzjonali u li jixtiequ jibdew jew jiżviluppaw il-mikrointrapriżi proprji tagħhom;

   (b) mikrointrapriżi, speċjalment dawk li jimpjegaw persuni kif imsemmi fil-punt (a);

2. Bini tal-kapaċità istituzzjonali ta' fornituri tal-mikrokreditu;

---

[18] ĠU L 114, 30.4.2002, p. 6.
[19] ĠU L 005, 10.01.2009, p. 16

3. Appoġġ għall-iżvilupp ta' intrapriżi soċjali, b'mod partikolari billi jiġi faċilitat l-aċċess għal finanzi.

*Artikolu 23*
*Parteċipazzjoni*

1. Il-parteċipazzjoni taħt l-assi tal-Mikrofinanzjament u l-Intraprenditorija Soċjali għandha tkun miftuħa għall-korpi pubbliċi u privati stabbiliti fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali fil-pajjiżi msemmija fl-Artikolu 16(1) u li jipprovdu f'dawk il-pajjiżi:

(a) mikrofinanzjament għal persuni u mikrointrapriżi;

(b) finanzjament għal intrapriżi soċjali.

2. Sabiex jintlaħqu l-benefiċjarji finali u jinħolqu mikrointrapriżi, kompetittivi, vijabbli, korpi pubbliċi u privati li jwettqu attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1(a) għandhom jikkooperaw mill-qrib ma' organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-interessi tal-benefiċjarji finali tal-mikrokreditu u ma' organizzazzjonijiet, b'mod partikolari dawk appoġġjati mill-FSE, li jipprovdu programmi ta' mentoring u taħriġ għal dawn il-benefiċjarji finali.

3. Il-korpi pubbliċi u privati li jwettqu attivitajiet kif imsemmi fil-paragrafu 1(a) għandhom jaderixxu mal-istandards għoljin li jikkonċernaw it-tmexxija, il-ġestjoni u l-protezzjoni tal-klijent b'konformità mal-prinċipji tal-Kodiċi Ewropew tal-Imġiba Tajba għall-Provvista ta' Mikrokreditu u għandhom jippruvaw jipprevjenu li persuni u impriżi jkollhom dejn eċċessiv.

*Artikolu 24*
*Kontribuzzjoni finanzjarja*

Minbarra fil-każ ta' azzjonijiet konġunti, l-appropriazzjonijiet finanzjarji allokati għall-assi Mikrofinanzjarji u ta' Intraprenditorja Soċjali għandhom ikopru l-kost kollha tal-azzjonijiet implimentati permezz ta' srumenti finanzjarja, inklużi l-obbligi ta' ħlas lejn intermedjarji finanzjarji, bħal telf minn garanziji, ħlasijiet ta' managiment għall-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali li jimmaniġjaw il-kontribut tal-Unjoni u kwalunkwe kosts oħra eliġibbli. .

*Artikolu 25*
*Ġestjoni*

1. Sabiex jiġu implimentati l-instrumenti u l-għotjiet imsemmija fl-Artikolu 6(5), il-Kummissjoni tista' tikkonkludi ftehimiet mal-entitajiet elenkati fl-Artikolu 55(1) (b) (iii) u (iv) tar-Regolament XXX/2012 [ir-Regolament Finanzjarju l-Ġdid tal-2012] dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit annwali tal-Unjoni, u b'mod partikolari mal-Bank Ewropew tal-Investiment u l-Fond Ewropew tal-Investiment. Dawn il-ftehimiet għandhom jistabbilixxu dispożizzjonijiet dettaljati dwar l-implimentazzjoni tal-kompiti fdati lil dawk l-istituzzjonijiet finanzjarji, inklużi dispożizzjonijiet li jispeċifikaw il-ħtieġa sabiex tiġi żgurata l-addizzjonalità u l-koordinazzjoni ma' strumenti finanzjarji eżistenti tal-Unjoni u nazzjonali u sabiex ir-riżorsi jiġu distribwiti b'mod bilanċjat fost l-Istati Membri u l-pajjiżi parteċipanti l-oħra. L-istrumenti

finanzjarji bħal strumenti li jikkondividu r-riskju, l-istrumenti ta' ekwità u strumenti tad-dejn, jistgħu jiġu provduti permezz ta' investiment fi strumenti dedikati ta' investiment.

2. Ftehimiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jipprevedu obbligu dwar l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali sabiex jinvestu mill-ġdid ir-riżorsi u d-dħul, inklużi dividendi u rimborżi, f'azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6(5) għal perjodu ta' għaxar snin mid-data tal-bidu tal-Programm.

3. Skont l-Artikolu 18(2) tar-[Regolament Finanzjarju], id-dħul u l-ħlasijiet ġenerati minn strument finanzjarju wieħed għandhom jiġu assenjati għal dak l-istrument finanzjarju. Għall-istrumenti finanzjarji li diġà huma implimentati fil-qafas finanzjarju multiannwali preċedenti, id-dħul u l-ħlasijiet ġenerati mill-operazzjonijiet li bdew fil-perjodu preċedenti għandhom jiġu assenjati għall-istrument finanzjarju fil-perjodu attwali

4. Mal-iskadenza tal-ftehimiet konklużi mal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali jew wara t-terminazzjoni tal-perjodu ta' investiment tal-istrument ta' investiment speċjalizzat, id-dħul u l-bilanċ dovut lill-Unjoni għandhom jitħallsu fil-baġit ġenerali tal-Unjoni.

5. L-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u, fejn rilevanti, il-maniġers tal-fond għandhom jikkonkludu ftehimiet bil-miktub mal-korpi pubbliċi u privati msemmija fl-Artikolu 23. Dawn il-ftehimiet għandhom jistabbilixxu l-obbligi tal-fornituri pubbliċi u privati sabiex jużaw ir-riżorsi li ġew magħmula disponibbli taħt l-assi tal-Mikrofinanzjament u l-Intraprenditorija Soċjali b'mod konformi mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 22 u sabiex jipprovdu informazzjoni għall-abbozzar ta' rapporti annwali previsti fl-Artikolu 26.

*Artikolu 26*
*Rapporti dwar l-implimentazzjoni*

1. L-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u, fejn rilevanti, il-maniġers tal-fond għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni rapporti dwar l-implimentazzjoni annwali li jistabbilixxu l-attivitajiet li ingħataw appoġġ u li jkopru l-implimentazzjoni finanzjarja tagħhom u l-allokazzjoni u l-aċċessibbiltà ta' finanzjament u investiment bis-settur u tip ta'benefiċjarju, applikazzjonijiet aċċettati jew miċħuda u kuntratti konklużi mill-korpi pubbliċi u privati konċernati, azzjonijiet iffinanzjati u r-riżultati, inklużi f'termini tal-impatt soċjali, il-ħolqien ta' impjiegi u sostenibbiltà tal-appoġġ mogħti lin-negozji.

2. L-informazzjoni provduta f'dawn ir-rapporti dwar l-implimentazzjoni biennali għandha tiddaħħal fir-rapporti dwar il-monitoraġġ annwali previsti fl-Artikolu 13. Dawn ir-rapporti ta' monitoraġġ għandhom jinkludu r-rapporti annwali previsti fl-Artikolu 8(2) tad-Deċiżjoni Nru 283/2010/UE.

*Artikolu 27*
*Evalwazzjoni*

1. L-evalwazzjoni finali prevista fl-Artikolu 14(2) għandha tinkludi l-evalwazzjoni finali prevista fl-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni Nru 283/2010/UE.

2. Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni finali speċifika tal-assi tal-Mikrofinanzjament u l-Intraprenditorija Soċjali mhux aktar tard minn sena wara l-iskadenza tal-ftehimiet mal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali.

*Artikolu 28*
*Emendi*

Deċiżjoni Nru 283/2010/UE hija emendata kif ġej:

(a) Fl-Artikolu 5, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'4. Mal-iskadenza tal-Faċilità, il-bilanċ dovut lill-Unjoni għandu jkun magħmul disponibbli għall-mikrofinanzjament u jappoġġja lill-intrapriżi soċjali b'mod konformi mar-Regolament Nru XX/201X/.'

(b) Fl-Artikolu 8, jitħassru l-paragrafi 3 u 4.

*Artikolu 29*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

## LEGISLATIVE FINANCIAL STATEMENT FOR PROPOSALS

### 1. QAFAS GĦALL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

1.2. Qasam(oqsma) tal-politika konċernata(i) fl-istruttura ABM/ABB

1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

1.4. Objettiv(i)

1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.6. Tul u impatt finanzjarju

1.7. Metodu(i) tal-ġestjoni previst(i)

### 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u rappurtar

2.2. Sistema tal-ġestjoni u l-kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u irregolaritajiet

### 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. Intestatura(i) tal-qafas finanzjarju multiannwali u l-intestatura(i) tal-baġit tal-ispiża affettwata(i)

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

*3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

*3.2.2. Impatt stmat fuq approprjazzjonijiet operazzjonali*

*3.2.3. Impatt stmat fuq approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

*3.2.4. Kompatibilità mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali*

*3.2.5. Parteċipazzjoni ta' parti terza fil-finanzjament*

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦAL PROPOSTI

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

### 1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

| |
|---|
| Regolament dwar Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Bidla Soċjali u l-Innovazzjoni |

### 1.2. Qasam(oqsma) tal-politika konċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB[20]

| |
|---|
| Attwalment: Impjiegi u Affarijiet Soċjali, politiki dwar l-impjiegi tal-Komunità/strumenti tal-politika dwar l-impjiegi tal-Komunità: Progress (04 04 01), Eures (04 03 04), EPMF (0404 15)<br><br>Perspettivi Finanzjarji Multiannwali Futuri: Intestatura 1 (aġenda tal-Iżvilupp Soċjali) |

### 1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

☑ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida wara azzjoni ta' proġett pilota/preparatorja**

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata **mal-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni orjentata mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

### 1.4. Objettivi

*1.4.1. L-objettiv(i) strateġiku/strateġiċi multiannwali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/inizjattiva*

| |
|---|
| Il-Programm għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020, il-miri ewlenin tagħha (il-faqar, l-impjiegi u l-edukazzjoni) u l-Linji Gwida Integrati (b'mod partikolari 7, 8 u 10) bil-provvista ta' appoġġ finanzjarju għall-objettivi tal-Unjoni Ewropea f'termini tal-promozzjoni ta' livell għoli ta' impjiegi, il-garanzija ta' protezzjoni soċjali adegwata, il-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali u l-faqar u t-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol. |

*1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi u l-attività(jiet) tal-ABM/ABB konċernat(i)*

<u>Objettivi speċifiċi:</u>

3. Żvilupp u tixrid ta' għarfien analitiku komparattiv ta' kwalità għolja sabiex jiġi żgurat li l-leġiżlazzjoni dwar l-impjiegi u l-politika soċjali u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-Unjoni jkunu bbażati fuq evidenza soda u jkunu rilevanti għall-ħtiġijiet, l-isfidi u l-kundizzjonijiet fl-Istati Membri individwali u pajjiżi parteċipanti oħra;

---

[20] ABM: ġestjoni bbażat fuq attività; ABB: ibbaġitjar ibbażat fuq attività.

4. Faċilitazzjoni tal-kondiviżjoni ta' informazzjoni, tagħlim reċiproku u djalogu effettivi u inklużivi dwar il-leġiżlazzjoni dwar l-impjiegi u l-politika soċjali u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-Unjoni fil-livell Ewropew, nazzjonali u internazzjonali sabiex l-Istati Membri u l-pajjiżi parteċipanti l-oħra jiġu assistiti fl-iżvilupp tal-politiki tagħhom u fl-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni;

5. Provvista ta' appoġġ finanzjarju lil dawk li jfasslu l-politika sabiex jittestjaw ir-riformi tal-politika soċjali u tas-suq tax-xogħol, jibnu l-kapaċità tal-atturi ewlenin sabiex ifasslu u jimplimentaw esperimentazzjoni soċjali, u jagħmlu l-għarfien u l-kompetenzi rilevanti aċċessibbli;

6. Provvista ta' appoġġ finanzjarju lill-organizzazzjonijiet tal-Unjoni u nazzjonali sabiex iżidu l-kapaċità tagħhom sabiex jiżviluppaw, jippromwovu u jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-impjiegi u l-politika soċjali u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-Unjoni.

Attività(jiet) ABM/ABB konċernata(i):

04 04 01 u 04 01 04 10

Objettivi speċifiċi:

7. L-iżgurar li postijiet tax-xogħol battala u applikazzjonijiet għax-xogħol u kwalunkwe informazzjoni relatata huma trasparenti għall-applikanti u l-impjegaturi potenzjali; dan għandu jinkiseb permezz tal-iskambju u t-tixrid fil-livell transnazzjonali, interreġjonali u transkonfinali bl-użu ta' formoli standard tal-interoperabilità;

8. Żvilupp ta' servizzi għar-reklutaġġ u t-tqegħid ta' ħaddiema fl-impjieg permezz tal-ikklerjar ta' postijiet tax-xogħol battala u applikazzjonijiet għax-xogħol fil-livell Ewropew; dan għandu jkopri l-fażijiet kollha tat-tqegħid fl-impjieg, li jvaraw mit-tħejjija ta' qabel ir-reklutaġġ għal assistenza ta' wara t-tqegħid fl-impjieg bil-ħsieb tal-integrazzjoni b'suċċess tal-applikant fis-suq tax-xogħol; dawn is-servizzi għandhom jinkludu skemi ta' mobilità fil-mira għall-mili ta' postijiet tax-xogħol battala fejn ġew identifikati nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol u/jew assistenza lil gruppi ta' ħaddiema partikolari bħaż-żgħażagħ.

Attività(jiet) ABM/ABB konċernata(i)

04 03 04 u 04 01 04 04

Objettivi speċifiċi:

1. Żieda fl-aċċess għal mikrofinanzjament u d-disponibiltà għalih għal:

    (a) persuni li tilfu jew li huma fir-riskju li jitilfu l-impjieg tagħhom, jew li għandhom diffikultà sabiex jidħlu jew jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol, persuni f'riskju ta' esklużjoni soċjali u persuni vulnerabbli li huma f'pożizzjoni żvantaġġata fir-rigward tal-aċċess għas-suq tal-kreditu konvenzjonali u li jixtiequ jibdew jew jiżviluppaw il-mikrointrapriżi proprji tagħhom;

    (b) mikrointrapriżi, speċjalment dawk li jimpjegaw persuni kif imsemmi fil-punt (a);

2. Bini tal-kapaċità istituzzjonali tal-fornituri tal-mikrokreditu;

3. Appoġġ għall-iżvilupp ta' intrapriżi soċjali, b'mod partikolari billi jiġi faċilitat l-aċċess għal finanzi.

Attività(jiet) ABM/ABB konċernata(i)

04 04 15 u 04 01 04 11

*Riżultat(i) u impatt mistennija*

L-għan aħħari tal-programm hu li jikseb bidla pożittiva fis-sitwazzjoni soċjoekonomika, bħal rata ogħla ta' impjiegi, inqas faqar, aktar inklużjoni soċjali u kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar. L-isforzi ser jiffukaw fuq il-kontribuzzjoni għall-objettiv ta' tkabbir inklużiv ta' Ewropa 2020 u l-miri ewlenin permezz ta' appoġġ b'valur miżjud għoli għall-azzjonijiet ewlenin fl-inizjattivi ewlenin "Aġenda għall-Ħiliet Ġodda u l-Impjiegi", "Il-Pjattaforma Ewropea kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali" u "Żgħażagħ f'Moviment".

Madankollu, il-programm ser ikollu kontroll limitat ferm fuq il-bidliet reali fis-sitwazzjoni soċjoekonomika. Pjuttost, l-għan ewlieni u r-rwol tal-istrument suċċessur huma li jappoġġja l-iżvilupp, il-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni ta' politika tal-impjiegi u soċjali tal-Unjoni moderna, effettiva u innovattiva billi jintlaħaq l-għan aħħari msemmi hawn fuq billi:

– jagħti appoġġ lill-proċess tat-tfassil tal-politika tal-Unjoni fil-qasam leġiżlattiv, b'mod konformi mal-prinċipji tar-Regolamentazzjoni Intelliġenti, u f'termini ta' koordinazzjoni tal-politika/governanza ekonomika aktar b'saħħitha;

– jiffoka fuq id-dimensjoni transnazzjonali tal-politika tal-impjiegi u soċjali tal-Unjoni, li l-promozzjoni tagħha tirrikjedi azzjoni miftiehma fl-Istati Membri kollha;

– jappoġġja azzjoni ta' tisħiħ kollettiva u reċiproka mill-Istati Membri sabiex jikkonsolidaw il-kooperazzjoni tal-Unjoni u jrawwem tagħlim reċiproku u innovazzjonijiet soċjali;

– jiżviluppa servizzi għar-reklutaġġ u t-tqegħd ta' ħaddiema (b'mod partikolari żgħażagħ) fl-impjieg permezz tal-ikklerjar fil-livell Ewropew ta' postijiet tax-xogħol battala u applikazzjonijiet għax-xogħol u b'hekk ikun qed jippromwovi l-mobilità ġeografika tal-ħaddiema;

– jiffaċilita l-aċċess għal finanzi minn imprendituri, speċjalment dawk l-aktar 'il bogħod mis-suq tax-xogħol, u għal intrapriżi soċjali.

1.4.3. *Indikaturi tar-riżultati u l-impatt*

Approċċ ta' ġestjoni bbażata fuq ir-riżultati applikat għall-programm Progress attwali u monitoraġġ tal-prestazzjoni annwali kienu ta' suċċess fil-wiri tal-kisbiet tal-programm kif ukoll fiż-żieda tar-reponsabbiltà tal-Unjoni. Filwaqt li jkompli jibni fuq din l-esperjenza, il-programm il-ġdid għandu loġika ta' intervent ċara (fejn objettivi speċifiċi INTELLIĠENTI jikkontribwixxi għall-ksib ta' objettivi ġenerali) u sett ta' indikaturi tal-impatt u riżultati.Ta' min iżomm f'moħħu li l-attivitajiet relatati mal-assi Progress jimmiraw li jikkontribwixxu għall-għanijiet strateġiċi tal-Istrateġija Ewropa 2020; ma jinvolvux il-provvista tal-ikel u s-servizzi , minflok l-attivtajiet relatati ma' Progress għandhom impatt dirett mal-iżvilupp tal-impieg u l-politkia soċjali tal-UE billi t-tfassil aħjar tal-politika iwassal għal riżultati soċjoekonomiċi aħjar. Billi l-assi Progress huwa primarjament immexxi mill-politika, l-issettjar tal-indikaturi huwa problematiku, l-istess japplika għall-issettjar tal-miri kwantitattivi f'livell iktar aggregat (f'dan il-każ, il-kejl huwa bbażat primarjament minn indikaturi rappreżentattivi.

Għalhekk huwa diffiċli ħafna li l-erba' objettivi speċifiċi ta' Progress ikunu 'jistgħu jitkejlu' b'mod ġenwin filwaqt li huma speċifiċi, akkwistabli, realistiċi u jiddependu fuq il-ħin (sal-aħħar tal-programm). Per eżempju, avvenimenti ta' tagħlim reċiproku ma jistgħux jiġu kkwantifikati minħabba li n-numru u t-temi taggħom jiddependu fuq l-interess u r-rieda tajba tal-Istati Membri li jospitaw avvenimanti bħal dawn u jipparteċipaw fihom; bl-istess mod il-volum tal-għarfien jiddependi fuq il-ħtiġijiet tal-iżvilupp tal-politika. Għal dan il-għan, huwa propost li jintużaw varjabbli suġġettivi, bħas-sodisfazzjon u l-għarfien fost il-partijiet interessati, l-istħarriġiet fuq il-preċezzjonitar-rwol tal-UE fl-impieg u l-poltika soċjali, kif ukoll użu intenzjonat u reali tal-outputs ta' Progess. Għal raġunijiet simili, mhuwiex possibbli li jiġu pprovduti miri speċifiċi fil-medda medja ta' żmien fil-każijiet kollha. Madankollu, l-approċċ jibqa' f'konformità mal-maniġment bbażat fuq ir-riżultati li jipprovdi għal miri effettivi f'livell viċi l-attività propja.

Ara il-lista tal-indikaturi taħt it-Taqsima 2.1.2.

## 1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

### *1.5.1. Rekwiżit(i) li għandu(għandhom) jiġi/u sodisfatti għal żmien qasir jew fit-tul*

Il-programm se jfittex li jagħti appoġġ lill-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-partijiet interessati ewlenin fit-tfassil, il-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni ta' riformi tal-politika effettivi li għandhom l-għan li jindirizzaw l-isfidi fit-tul li ġejjin:

– rati ta' qgħad għoljin, speċjalment fost il-ħaddiema bi ftit kwalifiki, żgħażagħ, kbar fl-età, migranti u persuni b'diżabiltajiet;

– suq tax-xogħol li dejjem qed isir aktar frammentat, li jinkludi l-iżvilupp ta' mudelli tax-xogħol aktar flessibbli u sfidi oħra li għandhom impatt fuq is-sigurtà tal-impjiegi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol;

– forza tax-xogħol li qed tonqos u żieda tal-pressjoni fuq is-sistemi tal-protezzjoni soċjali bħala riżultat tal-bidla demografika (popolazzjoni li qed tixjieħ);

– numru kbir mhux aċċettabbli ta' persuni li qed jgħixu taħt il-linja tal-faqar u fl-esklużjoni soċjali.

Fil-perjodu ta' żmien qasir, il-programm ser ikollu l-għan li jindirizza l-problemi/ħtiġijiet li ġejjin:

– ħtieġa ta' evidenza, statistika u indikaturi tajbin, komparabbli u aċċessibbli mifruxa mal-UE kollha sabiex jiġi żgurat li l-impjiegi u l-politika soċjali u l-leġiżlazzjoni jkunu rilevanti għall-ħtiġijiet, sfidi u kundizzjonijiet fl-Istati Membri individwali;

– ħtieġa ta' tagħlim reċiproku fil-livell tal-UE sabiex jiżdied il-fehim u r-responsabbiltà tal-objettivi u l-politiki tal-UE fost dawk li jfasslu l-politika u l-partijiet interessati;

– ħtieġa ta' appoġġ finanzjarju adegwat lil dawk li jfasslu l-politika sabiex jittestjaw, jevalwaw u jżidu soluzzjonijiet innovattivi;

– mobilità ġeografika limitata fl-Ewropa u appoġġ insuffiċjenti għat-tqabbil ta' dawk li jfittxu impjieg ma' offerti ta' xogħol;

– aċċess fqir għal finanzi u mikrokreditu għal intrapriżi soċjali u persuni diżokkupati, persuni f'riskju li jitilfu l-impjieg tagħhom u persuni minn gruppi żvantaġġati, pereżempju żgħażagħ jew persuni aktar anzjani jew migranti.

*1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE*

L-UE tinsab f'pożizzjoni unika sabiex tipprovdi pjattaforma Ewropea għal skambju ta' politika u tagħlim reċiproku fil-qasam tal-impjiegi u soċjali li tinvolvi lill-Istati Membri (inklużi l-pajjiżi taż-ŻEE u l-pajjiżi kandidati). Għarfien ta' politiki implimentati f'pajjiżi oħra jżid il-firxa ta' opzjonijiet disponibbli għal dawk li jfasslu l-politika, jiskatta żviluppi ta' politika innovattiva u jinkoraġġixxi riforma nazzjonali.

L-azzjoni tal-UE żżid valur għall-azzjoni fil-livell nazzjonali billi tipprovdi dimensjoni mifruxa mal-Ewropa kollha għall-ġbir u t-tqabbil ta' evidenza, l-iżvilupp ta' għodod u metodi statistiċi u tal-indikaturi komuni sabiex tinbena stampa kompluta tas-sitwazzjoni tal-imjiegi u dik soċjali. Din l-evidenza Ewropea hija prerekwiżit għal analiżi soda tal-isfidi tal-impjiegi u dawk soċjali ewlenin li kull Stat Membru qed jiffaċċja. Hija wkoll essenzjali għall-monitoraġġ tal-progress lejn l-ilħuq tal-miri ta' Ewropa 2020 u għat-tfassil ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għal pajjiż taħt is-Semestru Ewropew.

Il-ħtieġa għal applikazzjoni aħjar tal-leġiżlazzjoni tal-UE ġiet rikonoxxuta bħala prijorità ewlenija taħt l-aġenda tar-Regolamentazzjoni Intelliġenti. L-immodernizzar tal-leġiżlazzjoni sabiex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi u jiġi garantit livell komuni ta' protezzjoni legali tal-UE għal kulħadd fl-oqsma tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u l-liġi tax-xogħol l-aħjar li jsir huwa fil-livell tal-UE. L-UE tinsab ukoll fl-aqwa pożizzjoni sabiex tiffinanzja miżuri sabiex tiżdied il-konformità mar-regoli tal-UE u sabiex l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE fl-Istati Membri kollha tiġi riveduta sistematikament.

L-iżvilupp tal-kapaċità ta' netwerks ewlenin tas-soċjetà ċivili fil-livell Ewropew sabiex ikunu jistgħu jappoġġjaw u jiżviluppaw l-għanijiet tal-politika soċjali tal-Unjoni huwa l-aħjar indirizzat fil-livell tal-UE.

Grazzi għall-programm il-ġdid, b'mod partikolari l-assi EURES, l-Istati Membri ser jibbenefikaw minn mobilità akbar fis-suq tax-xogħol fl-UE, li tista' tgħin fil-mili ta' postijiet tax-xogħol konċentrati jew li huma diffiċli biex jimtlew u b'hekk tingħata spinta lill-attività ekonomika u jingħata kontribut għat-tkabbir ekonomiku. Mobilità akbar fis-suq tax-xogħol Ewropew hija essenzjali wkoll għall-ikkompletar ta' qasam mingħajr fruntieri interni u għat-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika u soċjali u ċittadinanza Ewropea attiva. L-istituzzjonijiet tal-UE, u b'mod partikolari l-Kummissjoni, li għandha r-riżorsi amministrattivi, il-kompetenzi u l-kapaċità sabiex tikkoordina netwerk transnazzjonali bħall-EURES, għandhom għalhekk jappoġġjaw u jiffaċilitaw azzjoni sabiex titkabbar il-mobilità tax-xogħol ġeografika. Il-Kummissjoni tista' wkoll iżżid valur lin-netwerk ta' EURES billi tiżviluppa politiki li jegħlbu l-kumplament tal-ostakli għall-moviment liberu, jiffaċilitaw l-iskambji ta' prattiki tajba u jiżguraw tagħlim reċiproku bejn il-membri tan-netwerk EURES.

Iż-żieda tad-disponibiltà ta' mikrokreditu tinkiseb l-aħjar fil-livell Ewropew; l-ewwelnett, il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Fond Ewropew tal-Investiment, issa tista' tibni fuq l-esperjenza mal-Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress attwali u inizjattivi oħra fil-livell tal-UE fil-qasam tal-mikrofinanzjament. Istituzzjonijiet tal-mikrofinanzjament fl-Istati Membri kollha jistgħu issa jieħdu vantaġġ minn dawn il-kompetenzi mingħajr il-ħtieġa tal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali jew lokali tagħhom li jkollhom jużaw ir-riżorsi tagħhom sabiex idaħħlu sistemi simili.

Azzjoni fil-livell tal-UE tista' twitti t-triq għal azzjoni nazzjonali u reġjonali aktar b'saħħitha fil-futur, u għandha għalhekk tinkludi l-iżvilupp u l-mobilizzazzjoni tal-kapaċità ta' intermedjarji u multiplikaturi sabiex tinħoloq ekosistema ta' appoġġ komprensiv.

Barra minn hekk, jekk ir-riżorsi finanzjarji jingħaqdu fil-livell Ewropew, tiżdied il-probabilità li finanzjament addizzjonali jiġi attirat minn investituri terzi bħall-Bank Ewropew tal-Investiment, li, fil-każ tal-Mikrofinanzjament Progress, jilħaq il-kontribuzzjoni ta' €100 miljun tal-UE. Dan jgħodd ukoll għal fond ta' ekwità fil-livell tal-UE għall-investimenti f'intrapriżi soċjali, li jistgħu jkunu mistennija li jattiraw aktar riżorsi minn investituri oħra.

1.5.3. *Tagħlimiet miksuba minn esperjenzi simili fil-passat*

L-evalwazzjoni ta' nofs il-perjodu tal-Programm Progress (2007-2013) tikkonkludi li l-objettivi tiegħu huma rilevanti ferm għall-objettivi strateġiċi tal-Kummissjoni kif stabbilit fl-Istrateġija ta' Liżbona u fl-Istrateġija Ewropa2020. It-tipi ta' attivitajiet ewlenin (attivitajiet analitiċi u ta' tagħlim reċiproku, appoġġ lill-atturi prinċipali) li l-programm iwettaq huma effettivi fl-ilħuq tal-objettivi tiegħu. Iċ-ċiklu tal-ippjanar, implimentazzjoni, monitoraġġ annwali u l-evalwazzjoni tal-attivitajiet huma kkunsidrati ġeneralment xierqa; madankollu, huwa rakkomandat li l-ippjanar multiannwali jiġi żviluppat sabiex jistabbilixxi objettivi ta' politika strateġika fit-tul flimkien mal-prijoritajiet ta' finanzjament annwali.

Evalwazzjoni *ex-post* tan-netwerk EURES (2006-2008) uriet li, meta mqabbel ma' netwerks oħra tal-UE, EURES jiffoka b'mod sinifikament ogħla fuq opportunitajiet ta' impjiegi u huwa wkoll l-uniku netwerk li jfittex li jipprovdi servizzi ta' tqabbil tax-xogħol speċifiku. Il-Portal għall-Mobilità tal-Impjiegi EURES huwa apprezzat minn dawk li qed ifittxu x-xogħol, dawk li jixtiequ jibdlu xogħolhom u impjegaturi, li jaraw benefiċċji ċari li jkunu jistgħu jaċċessaw – jew ipoġġu – informazzjoni dwar post tax-xogħol battal mal-Ewropa kollha.

Peress li l-UE ma bdietx tagħti appoġġ għal mikrofinanzjament qabel it-tieni nofs tal-2010, evalwazzjoni indipendenti għadha trid titwettaq. Skont ir-reazzjoni mingħand il-partijiet interessati (in-Netwerk tal-Mikrofinanzi Ewropew (EMN), li jirrappreżenta s-settur mikrofinanzjarju Ewropew, l-istrument mikrofinanzjarju fil-livell tal-UE jissodisfa l-aspettattivi tagħhom. Dan jistimula t-twaqqif ta' skemi ta' appoġġ nazzjonali jew reġjonali; jimplimenta ekonomiji ta' skala u/jew jimminimizza r-riskju ta' falliment fl-oqsma fejn Stat Membru individwali ma jistax juża l-massa kritika rekwiżita; u jiġġenera ingranaġġ ogħla mill-iskemi nazzjonali fuq skala żgħira.

1.5.4. *Koerenza u sinerġija possibbli ma' strumenti rilevanti oħra*

Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, ser tiżgura li attivitajiet imwettqa taħt il-Programm huma konsistenti ma' azzjoni oħra tal-Unjoni, huma kumplimentari għaliha u ma

jirdoppjawhiex, b'mod partikolari taħt il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) u f'dawk l-oqsma bħal djalogu soċjali, ġustizzja u drittijiet fundamentali, edukazzjoni, taħriġ vokazzjonali u politika dwar iż-żgħażagħ, riċerka u innovazzjoni, intraprenditorija, saħħa, tkabbir u relazzjonijiet esterni, u politika ekonomika ġenerali.

## 1.6. Tul u impatt finanzjarju

☑ Proposta/inizjattiva ta' **tul limitat**

– ☑ Proposta/inizjattiva fis-seħħ mill-01/01/2014 sal-31/12/2020

– ☑ Impatt finanzjarju mill-2014 sal-2020.

☐ Proposta/inizjattiva ta' **tul bla limitu**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' bidu minn SSSS sa SSSS,

– segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

## 1.7. Metodu(i) ta' ġestjoni previst(i)

☑ **Ġestjoni diretta ċentralizzata** mill-Kummissjoni

☐ **Ġestjoni indiretta ċentralizzata** b'delega tal-kompiti ta' implimentazzjoni għal:

– ☐ aġenziji eżekuttivi

– ☐ korpi stabbiliti mill-Komunitajiet

– ☐ korpi tas-settur pubbliku nazzjonali/korpi b'missjoni tas-servizz pubbliku

– ☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u identifikati fl-att bażiku rilevanti fit-tifsira tal-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju.

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni deċentralizzata** ma' pajjiżi terzi

☑ **Ġestjoni konġunta** ma' organizzazzjonijiet internazzjonali

Metodu ta' ġestjoni diretta ċentralizzata (Artikolu 53a tar-Regolament Finanzjarju) japplika għall-attivitajiet kollha mwettqa taħt l-assi Progress u EURES. Attivitajiet imwettqa taħt l-assi tal-Mikrofinanzjament u l-Intraprenditorija Soċjali ser jiġu implimentati b'mod konformi mal-Metodu tal-ġestjoni konġunta (ftehimiet ser jiġu ffirmati mill-Kummissjoni ma' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali bħal BEI/FEI).

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u rappurtar

*2.1.1. Arranġamenti ta' monitoraġġ u evalwazzjoni*

Il-Programm ser jiġi mmonitorjat fuq bażi biennali sabiex jiġu valutati kemm il-progress lejn il-ksib tal-objettivi ġenerali u speċifiċi tiegħu mqabbla ma' indikaturi ċari u sabiex jippermetti għal kwalunkwe aġġustament meħtieġ tal-politika u l-prijoritajiet ta' finanzjament. Il-monitoraġġ ser jipprovdi wkoll mezzi ta' valutazzjoni tal-mod kif il-kwistjonijiet tal-ugwaljanza tas-sessi u n-nondiskriminazzjoni ġew indirizzati fost l-attivitajiet tal-programm . Fejn rilevanti, l-indikaturi għandhom ikunu disaggregati permezz ta' sess, età u diżabilità.

Il-Programm ser ikun suġġett għal evalwazzjoni ta' nofs il-perjodu u *ex-post*. Evalwazzjoni ta' nofs il-perjodu għandha l-għan li tkejjel il-progress magħmul fl-ilħuq tal-objettivi tal-Programm, billi jiġi determinat jekk ir-riżorsi tiegħu ntużawx b'mod effiċjenti u billi jiġi valutat il-valur miżjud Ewropew tiegħu. Ir-rapport tal-evalwazzjoni ta' nofs il-perjodu għandu jiġi preżentat sal-aħħar tal-2017 sabiex jiddaħħal fit-tħejjija ta' strument suċċessur tal-Programm. L-evalwazzjoni finali għandha, barra minn hekk, teżamina l-impatt tal-Programm. Ir-rapport tal-evalwazzjoni *ex-post* għandu jiġi preżentat sa mhux aktar tard mill-aħħar tal-2022.

Meta wieħed jikkunsidra l-ħajja itwal tat-taqsima ta' Mikrofinanzjament u l-Intraprenditorija Soċjali (investmenti ser isiru sa għaxar snin wara l-bidu tal-istrument), se titwettaq evalwazzjoni finali speċifika għal dan l-assi mhux aktar minn sena wara t-tmiem tal-ftehimiet konklużi bejn il-Kummissjoni u l-Fond Ewropew tal-Investiment.

*2.1.2. Indikaturi tal-prestazzjoni*

**Objettivi ġenerali**

| **Indikaturi** | **Sitwazzjoni attwali** | **Miri fit-tul** |
|---|---|---|
| Tisħiħ tar-responsabbiltà tal-objettivi tal-Unjoni fl-oqsma tal-impjiegi, soċjali u tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fost il-persuni ewlenin li jfasslu l-politika tal-Unjoni u nazzjonali, kif ukoll partijiet interessati oħra sabiex jittieħdu azzjonijiet konkreti u koordinati kemm fil-livell tal-Unjoni u tal-Istati Membri | | |
| Parteċipazzjoni attiva tal-partijiet interessati fil-livelli tal-UE u tal-Istati Membri fid-dibattitu dwar l-isfidi komuni u l-azzjonijiet konkreti sabiex dawn jiġu indirizzati | Mhemmx metodu informi sabiex jitkejjel il-livell ta' involviment tal-partijiet interessati f'dibattitu dwar il-politika. Evalwazzjonijiet riċenti[21] wrew li l-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati tvarja skont il-kwistjoni tal-politika u fost l-Istati Membri. L-aħħar Rapport Annwali ta' Prestazzjoni tal-PROGRESS jissuġġerixxi tendenza għall-awtoritajiet (UE, nazzjonali, reġjonali jew lokali) li jkollhom | Parteċipazzjoni attiva bl-istess mod tal-partijiet interessati relevanti kollha fuq il-livell tal-UE u fost l-Istati Membri kollha |

[21] Evaluation of the Social OMC, 2011 (Evalwazzjoni tal-MMK Soċjali, 2011); Study on Stakeholders' Involvement in the Implementation of the Social OMC, 2010 (Studju dwar l-Involviment tal-Partijiet Interessati fl-Implimentazzjoni tal-MMK Soċjali, 2010).

| | | |
|---|---|---|
| | rabtiet aktar viċini bejniethom milli ma' msieħba soċjali u NGOs. | |
| Aċċettazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti | L-indikatur huwa bbażat fuq Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-Pajjiż li ħarġu għall-ewwel darba f'Ġunju 2011. Il-Kummissjoni tal-RSN preċedenti u l-kontenut tar-Rakkomandazzjonijiet Integrati preċedenti speċifiċi għall-Pajjiż juruli sa tliet kwarti mill-Istati Membri għandhom politiki jew strateġiji konsistenti mal-objettivi tal-UE. | L-Istati Membri kollha jaċċettaw ir-Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-Pajjiż fl-oqsma tal-impjiegi, soċjali u tal-kundizzjonijiet tax-xogħol (kif muri mill-istrateġiji u l-politiki rapportati fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma sussegwenti) |
| Appoġġ għall-iżvilupp ta' sistemi ta' protezzjoni soċjali u swieq tax-xogħol adegwati, aċċessibbli u effiċjentiu faċilitazzjoni tar-riforma tal-politika, permezz tal-promozzjoni ta' governanza tajba, tagħlim reċiproku u innovazzjoni soċjali | | |
| Inċidenza ta' aċċettazzjoni tar-riżultati ta' innovazzjoni soċjali fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol u l-protezzjoni soċjali | L-appoġġ tal-innovazzjoni soċjali huwa qasam ta' intervent ġdid. Hemm nuqqas ta' approċċ aktar sistematiku għall-użu sħiħ tar-riżultati tal-innovazzjoni soċjali fis-suq tax-xogħol attiv u l-politiki ta' protezzjoni soċjali. | Kull Stat Membru fil-Programm Nazzjonali ta' Riforma tiegħu jirraporta tal-inqas eżempju wieħed ta' twettiq ippjanat jew li seħħ tar-riżultati tal-innovazzjoni soċjali disponibbli fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol u tal-protezzjoni soċjali |
| Għarfien dwar innovazzjoni soċjali | Bħal ta' fuq. | Bħal ta' fuq. |
| Modernizzar tal-liġi tal-Unjoni b'mod konformi mal-prinċipji ta' Regolamentazzjoni Intelliġenti u l-iżgurar li l-liġi tal-Unjoni dwar kwistjonijiet relatati mal-kundizzjonijiet tax-xogħol tiġi effettivament applikata | | |
| Kondiviżjoni ta':<br><br>(a) acquis leġiżlattiv totali (direttivi) komprensivament rivedut u<br><br>(b) n-numru riżultanti ta' proposti sostantivi għar-reviżjoni (abbandun, amalgamazzjoni) ta' leġiżlazzjoni eżistenti jew biex tinbeda leġiżlazzjoni ġdida | (a) Attwalment, direttiva waħda (id-Direttiva dwar il-Ħinijiet tax-Xogħol) qed tiġi riveduta.<br><br>(b) n/a. | (a) 100 % tad-direttivi dwar kwistjonijiet relatati mal-kundizzjonijiet tax-xogħol huma reveduti b'mod komprensiv sa tmiem il-programm.<br><br>(b) Kull fejn ikun xieraq, il-Kummissjoni tieħu azzjoni sabiex temenda, tiċċara jew tissimplifika l-leġiżlazzjoni eżistenti jew tibda waħda ġdida, jekk dan ikun ġustifikat minn valutazzjoni tal-impatt, u fejn ikun xieraq, wara li tikkonsulta mal-imsieħba soċjali tal-UE. |
| Konformità fl-Istati | Fl-2010, ir-rata ta' traspożizzjoni kienet ta' | Rata ta' traspożizzjoni ta' 100 %, u |

| | | |
|---|---|---|
| Membri mal-leġislazzjoni tal-UE (rata ta' traspożizzjoni u fattur ta' frammentazzjoni) | 98.3 % għad-direttivi tal-liġi tax-xogħol u 100 % għad-direttivi dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol; il-fatturi ta' frammentazzjoni korrispondenti kienu ta' 5 % u 0 %. L-analiżi storika tindika li dawn ir-rati għandhom it-tendenza li jmorru għall-agħar wara l-introduzzjoni ta' leġiżlazzjoni ġdida. Fid-dawl ta' azzjoni possibbli tal-Kummissjoni ta' emendar, kjarifika jew simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti jew bidu ta' waħda ġdida, huwa importanti li jinżamm il-fattur ta' traspożizzjoni għoli u rata ta' frammentazzjoni baxxa. | fattur ta' frammentazzjoni korrispondentement baxx ta' 0 % |
| Implimentazzjoni u nfurzar attivi | Attwalment, il-preżenza tal-implimentazzjoni u l-infurzar attivi hija valutata b'mod kwalitattiv (permezz ta' evalwazzjonijiet u netwerks ta' esperti indipendenti) u tvarja skont id-direttiva u skont il-pajjiż. | 100 % tad-direttivi relatati mal-kundizzjonijiet tax-xogħol huma implimentati u infurzati b'mod attiv kważi fl-Istati Membri kollha (valutazzjoni kwalitattiva) |
| Promozzjoni tal-mobilità ġeografika u okkupazzjonali tal-ħaddiema u spinta lill-opportunitajiet tax-xogħol bl-iżvilupp tas-swieq tax-xogħol tal-Unjoni li huma miftuħin u aċċessibbli għal kulħadd | | |
| Impatt tal-mobilità ġeografika fuq il-PDG tal-Istat membru | Hemm tentattivi preliminari sabiex jiġi mmudellat u valutat l-impatt għal pajjiżi speċifiċi (jiġifieri fir-Renju Unit u fl-Irlanda), iżda ma jkoprux l-Unjoni sħiħa. Ir-rapport dwar l-Impjiegi fl-Ewropa tal-2008 jistma li l-flussi ta' mobilità mill-UE-8 żiedu 0,4 % aktar fil-PDG tal-Irlanda u 0,3 % fil-PDG tar-Renju Unit sal-2007. | L-impatt tal-mobilità ġeografika fuq il-PDG tal-Istat membru huwa stmat għall-Unjoni sħiħa u huwa pożittiv. L-istima fit-tul tipprevedi 1,7 % aktar fil-PDG tal-Irlanda u 0,6 % f'tar-Renju Unit sal-2015 meta mqabbla mas-sitwazzjoni ta' qabel it-tkabbir. |
| Impatt tal-mobilità ġeografika fuq it-tnaqqis ta' postijiet tax-xogħol battala mhux mimlijin/konċentrati, | Hemm tentattivi preliminari sabiex jiġi mudellat u stmat l-impatt għal pajjiżi speċifiċi, iżda ma jkoprux l-Unjoni sħiħa. | L-impatt tal-mobilità ġeografika fuq it-tnaqqis ta' postijiet tax-xogħol battala/li għalihom mhemmx biżżejjed ħaddiema huwa stmat għall-Unjoni sħiħa u huwa pożittiv. |
| Differenza fil-parteċipazzjoni tas-suq tax-xogħol u rati ta' impjiegi ta' ħaddiema mobbli bejn il-pajjiż ospitanti u l-pajjiż tal-oriġini | Ħaddiema mobbli fis-sens tal-mobilità fi ħdan l-UE għandhom tendenza li jkollhom rati ta' impjiegi ogħla mill-ħaddiema li mhumiex mobbli. | L-informazzjoni se ssir disponibbli mill-Istħarriġ tal-Eurostat dwar il-Forza tax-Xogħol u statistiki oħra. |
| Promozzjoni tal-impjiegi u l-inklużjoni soċjali permezz taż-żieda tad-disponibiltà u l-aċċessibilità ta' mikrofinanzjament għal gruppi u mikrointrapriżi vulnerabbli, u permezz ta' żieda fl-aċċess għall-finanzjament għall-intrapriżi soċjali | | |

| | | |
|---|---|---|
| Numru ta' negozji maħluqa jew konsolidati li bbenefikaw mill-appoġġ tal-UE | 0 | 51 000 (li 1000 minnhom huma intrapriżi soċjali) |
| Numru ta' impjiegi maħluqa jew miżmuma permezz tal-istabbiliment jew żvilupp ta' negozju | Skont evalwazzjoni tal-programm CIP ("Competitiveness and Innovation Framework Programme"), għal kull mikroself fornit, inħolqu 1,2 impjieg. | |
| Profil ta' persuni (inkluż fejn possibbli, età, sess, minorità, diżabilita, status tal-impjieg…) li ħolqu jew komplew jiżviluppaw negozju bl-appoġġ ta' mikrofinanzjament tal-UE | Mhux disponibbli | 50 % tal-benefiċjarji huma persuni qiegħda jew minn gruppi żvantaġġati |

**Objettivi speċifiċi**

| **Indikaturi** | **L-aħħar riżultati magħrufa** | **Mira ta' terminu medju** |
|---|---|---|
| Żvilupp u tixrid ta' għarfien analitiku, komparattiv ta' kwalità għolja sabiex ikun żgurat li l-leġiżlazzjoni dwar l-impjiegi u l-politika soċjali u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-Unjoni jkunu bbażati fuq evidenza soda u jkunu rilevanti għall-ħtiġijiet, sfidi u kundizzjonijiet fl-Istati Membri individwali u l-pajjiżi parteċipanti l-oħra | | |
| Sodisfazzjoni tal-partijiet interessati bl-għarfien u l-użu dikjarat tiegħu ġġenerat mill-programm | Diversi partijiet interessati (il-Kummissjoni, il-PE, l-amministrazzjonijiet nazzjonali, il-korpi ta' implimentazzjoni, l-imsieħba soċjali, l-NGO, eċċ.) jużaw l-għarfien ġenerat mill-programm Progress attwali. L-Istħarriġ Annwali tiegħu tal-2010 jindika li dawk konxji mill-għarfien ġenerat (madwar 50%) isibuh ta' għajnuna (madwar 85% tal-partijiet interessati li wieġbu) u (jippjanaw li) jużawh. | Estensjoni tal-ambitu tal-partijiet interessati li huma konxji mill-għarfien ġenerat mill-programm (għarfien akbar tal-eżiti ewlenin: 75 % tal-partijiet interessati li wieġbu), u ż-żamma tar-rata ta' sodisfazzjon għolja (85% jew aktar tal-partijiet interessati li wieġbu) |
| Kondiviżjoni ta' inizjattivi ta' politiki mnedija mid-DĠ EMPL li jiġu infurmati permezz tal-għarfien iġġenerat mil-Programm | Mhux disponibbli. | 100 % tal-inizjattivi u l-azzjoni tal-politiki tal-impjiegi u soċjali tal-EU dwar il-leġiżlazzjoni tal-kundizzjonijiet tax-xogħol huma informati mill-għarfien ġenerat mill-Programm |

| | | |
|---|---|---|
| Kondiviżjoni tal-isforz[22] dedikat għall-iżvilupp ta' għarfien (preċedentement ineżistenti) ġdid (ideat, kunċetti, approċċi, mudelli, analiżi li jħarsu 'l quddiem) | Mhemmx stima preċiża, iżda s-sehem tal-baġit allokat għall-ġenerazzjoni tat-tip imsemmi ta' għarfien huwa ta' madwar 10-20 %. Dan is-sehem huwa mistenni li jikber, l-aktar fid-dawl tal-enfasi fuq l-innovazzjoni soċjali. | Tal-inqas 25 % tal-baġit huwa dedikat għall-iżvilupp ta' għarfien (ideat, kunċetti, approċċi, mudelli, analiżi li tħares 'il quddiem) ġdid (li ma kienx jeżisti qabel) |
| 2. Faċilitazzjoni tal-kondiviżjoni ta' informazzjoni, tagħlim reċiproku u djalogu effettivi u inklużivi dwar leġiżlazzjoni dwar l-impjiegi u l-politika soċjali u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-Unjoni fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali u internazzjonali sabiex l-Istati Membri u l-pajjiżi parteċipanti l-oħra jiġu assistiti fl-iżvilupp tal-politiki tagħhom u fl-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni | | |
| Il-gwadann iddikjarat għal fehim aħjar tal-politiki u l-objettivi tal-UE (inklużi, fejn rilevanti,l-mainstreaming tas-sess,i n-nondiskriminazzjoni, u l-aċċessibilità) | Madwar 89 % ta' dawk li wieġbu għall-Istħarriġ Annwali tal-2010 jgħidu li kisbu fehim aħjar dwar l-objettivi tal-politika tal-UE billi pparteċipaw f'avvenimenti ffinanzjati minn Progress. | disa' minn għaxar partijiet interessati jgħidu li kisbu fehim aħjar tal-politiki u l-objettivi tal-UE billi pparteċipaw f'avvenimenti ffinanzjati mill-programm. |
| Il-punt safejn l-avvenimenti ta' tagħlim reċiproku/kondiviżjoni ta' informazzjoni huma inklużivi u jilħqu l-istandards minimi għall-konsultazzjoni | L-istħarriġ segwenti tal-2010 juri li l-avvenimenti ta' tagħlim reċiproku ffinanzjati minn Progress huma ferm apprezzati għaċ-ċarezza tal-kwistjonijiet diskussi u l-involviment ta' dawk li huma relevanti għat-teħid tad-deċiżjonijiet (4 minn 5 partijiet interessati li wieġbu esprimew opinjoni pożittiva), iżda ftit inqas pożittiva fir-rigward tal-involviment ta' partijiet interessati oħra (imsieħba soċjali, NGOs, eċċ.). | erba' minn ħames partijiet interessati jgħidu li l-avvenimenti ta' tagħlim reċiproku/kondiviżjoni ta' informazzjoni huma inklużivi u kompletament jilħqu l-istandards kollha għall-konsultazzjoni. |
| L-użu (intiż/attwali) dikjarat tal-informazzjoni għat-tfassil tal-politika/appoġġ mill-parteċipanti involuti iżda wkoll persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet u partijiet interessati oħra | L-istħarriġ *ex-post* tal-avvenimenti ffinanzjati minn Progress fl-2010 wera li madwar 2/3 tal-parteċipanti ħasbu li jużaw jew għamlu użu mill-informazzjoni għat-tfassil tal-politiki jew appoġġ. Madanakollu, l-isfida essenzjali (b'mod partikolari fil-każ ta' avvenimenti ta' tagħlim reċiproku) hija li tiġi promossa l-kondiviżjoni tal-informazzjoni miksuba ma' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u partijiet interessati relevanti (jiġifieri dawk li ma pparteċipawx). | - tlieta minn erba' parteċipanti involuti jiddikkjaraw użu (intiż/attwali) tal-informazzjoni miksuba.<br><br>- Titjib fil-kondiviżjoni ta' informazzjoni ma' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u partijiet interessati oħra (mhux parteċipanti) |
| 3. Provvista ta' appoġġ finanzjarju lil dawk li jfasslu l-politika sabiex jittestjaw riformi tal-politika soċjali u tas-suq tax-xogħol; bini tal-kapaċità tal-atturi ewlenin sabiex ifasslu u jimplimentaw l- | | |

[22] Għandu jitkejjel bħala s-sehem stmat tal-baġit allokat għall-ġenerazzjoni tat-tip ta' għarfien imsemmi.

| | | |
|---|---|---|
| esperimentazzjoni soċjali; u jagħmlu l-għarfien u l-kompetenzi rilevanti aċċessibbli | | |
| L-użu (intiż/attwali) dikjarat tal-informazzjoni għat-tfassil tal-politika/appoġġ u/jew aktar esperimenti soċjali mill-parteċipanti involuti iżda wkoll persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet u partijiet interessati oħra | L-appoġġ tal-innovazzjoni soċjali huwa qasam ta' intervent ġdid, għaldaqstant, mhemmx linja-bażi. | Minħabba li dan it-tip ta' attività huwa ġdid, wieħed jista' jistenna li sa 2/3 mill-parteċipanti involuti ddikkjaraw użu intiż jew attwali l-informazzjoni miksuba permezz ta' esperimentazzjoni soċjali għat-teħid ta' deċiżjonijiet/appoġġ u/jew peremzz ta' esperimenti soċjali ulterjuri. |
| Il-preżenza ta' kundizzjonijiet adegwati (riżorsi finanzjarji, aċċessibilità għal għarfien u kompetenzi rilevanti) għat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' esperimenti soċjali fil-qasam tal-impjiegi u l-politika soċjali tal-UE: kapaċità adegwata tal-atturi ewlenin | L-appoġġ tal-innovazzjoni soċjali huwa qasam ta' intervent ġdid, għaldaqstant, mhemmx linja-bażi. | Il-prekundizzjonijiet ewlenin kollha (riżorsi finanzjarji, aċċessibilità għall-għarfien u l-kompetenzi rilevanti, kapaċità tal-atturi ewlenin) għat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' esperimenti soċjali fil-qasam tal-impjiegi u tal-politika soċjali tal-UE huma stmati (eż. permezz ta' evalwazzjoni) bħala biżżejjed |

